



Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

12 ta' Frar 2015

Werrej

III Atti preparatorji

IL-KUNSILL

2015/C 50/01	Pożizzjoni (UE) Nru 2/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli	
	Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2014 ⁽¹⁾	1
2015/C 50/02	Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru 2/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli	26

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

III

(Atti preparatorji)

IL-KUNSILL

POŻIZZJONI (UE) Nru 2/2015 TAL-KUNSILL FL-EWWEL QARI

bil-ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli

Adottata mill-Kunsill fid-9 ta' Diċembru 2014

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2015/C 50/01)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu, u l-Artikolu 114 tiegħu b'rabta mal-Artikolu 1(3) sa 1(13) u mal-Artikolu 2(5) sa (7) ta' din id-Direttiva,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ⁽¹⁾,

Wara li kkonsultaw lill-Kumitat tar-Regġuni,

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ⁽²⁾,

Billi:

- (1) Skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽³⁾ kull Stat Membru għandu jiżgura li s-sehem ta' enerġija minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'kull għamla ta' trasport fl-2020 ikun mill-anqas ta' 10 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru. It-taħlita ta' bijokarburanti hija waħda mill-metodi disponibbli għall-Istati Membri biex jilhqqu din il-mira, u hija mistennija li tkun kontributriċi ewlenija.
- (2) Fid-dawl tal-oġġettiv tal-Unjoni li jkun hemm tnaqqis ulterjuri fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u minħabba l-kontribuzzjoni sinifikanti li l-karburanti fit-trasport stradali jagħmlu għal dawk l-emissjonijiet, l-Istati Membri għandhom skont l-Artikolu 7a(2) tad-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽⁴⁾ jeżiġu li fornituri ta' karburanti jew enerġija jnaqqsu mill-anqas b'6 % sal-31 ta' Diċembru 2020 emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija prodotti tul ċiklu tal-ħajja tal-karburanti użati fl-Unjoni minn vetturi tat-triq, makkinarju mobbli mhux tat-triq, trasters agrikoli u forestali u inġenji ta' rikreazzjoni meta ma jkunux fuq il-baħar. It-taħlita ta' bijokarburanti hija waħda mill-metodi disponibbli għal fornituri ta' karburanti fossili biex inaqqsu l-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tal-karburanti fossili furnuti.

⁽¹⁾ ĠU C 198, 10.7.2013, p. 56.

⁽²⁾ Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Settembru 2013 (ĠU C 357 E, 6.12.2013, p. 86) u l-Pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari tad-9 ta' Diċembru 2014. Il-Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew ta' ... u d-Deċiżjoni tal-Kunsill ta'

⁽³⁾ Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

⁽⁴⁾ Id-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 1998 dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE (ĠU L 350, 28.12.1998, p. 58).

- (3) Id-Direttiva 2009/28/KE tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jeħtieġu li jkunu konformi magħhom biex jingħaddu mal-miri ta' dik id-Direttiva u biex jikkwalifikaw biex ikunu inklużi fi skemi pubbliċi ta' appoġġ. Il-kriterji jinkludu rekwiżiti dwar it-tnaqqis minimu ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra li l-bijokarburanti u l-bijolikwidi jehtiegihom jiksbu meta mqabblin mal-karburanti fossili. Kriterji identiċi ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti huma stabbiliti fid-Direttiva 98/70/KE.
- (4) Fejn art agrikola jew mergħa li qabel kienet iddestinata għas-swieq tal-ikel u tal-għalf tinbidel għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, id-domanda li ma tkunx għall-karburanti xorta waħda trid tiġi ssodisfatta jew bl-intensifikazzjoni tal-produzzjoni attwali jew billi art mhux agrikola tinbidel għall-produzzjoni band'oħra. Dan l-aħħar każ jikkositwixxi f'tibdil indirett fl-użu tal-art u meta jkun involvi l-bidla ta' art b'ħażna kbira ta' karbonju dan jista' jwassal għal emissjonijiet sinifikanti ta' gassijiet b'effett ta' serra. Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jiġu emendati biex jinkludu dispożizzjonijiet biex jindirizzaw tibdil indirett fl-użu tal-art minħabba li l-bijokarburanti bħalissa jinħadmu l-aktar minn għejejel imkabbri fuq art agrikola eżistenti.
- (5) Abbażi ta' previżjonijiet tad-domanda għall-bijokarburanti pprovduti mill-Istati Membri u ta' stimuli ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art għal materja prima differenti ta' bijokarburant, aktarx li emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'rabta ma' tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu sinifikanti u jistgħu jgħibu fix-xejn xi f'it mit-tnaqqis jew it-tnaqqis kollu ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' bijokarburanti individwali. Dan iseħħ għalix il-produzzjoni kważi kollha tal-bijokarburanti fl-2020 hi mistennija li tiġi minn għejejel imkabbri fuq art li tkun tista' tintuża biex taqdi s-swieq tal-ikel u tal-għalf. Biex emissjonijiet bħal dawn jitnaqqsu, ikun jixraq li ssir distinzjoni bejn gruppi ta' għalla, bħal għejejel tal-pjanti li minnhom jiġi estratt iż-żejt, għejejel taz-zokkor u ċ-ċereali, u għejejel oħra ta' pjanti b'kontenut ta' lamtu, skont dan.
- (6) Bil-ħsieb li jiġi evitat kwalunkwe inkoraġġiment għal żieda apposta fil-produzzjoni ta' residwi tal-ipproċessar bi ħsara għall-prodott ewlieni, id-definizzjoni ta' residwi tal-ipproċessar għandha teskludi residwi li jirriżultaw minn proċess tal-produzzjoni li jkun ġie modifikat apposta għal dak il-fini.
- (7) Karburanti likwidi rinnovabbli aktarx li jkunu meħtieġa mis-settur tat-trasport biex dan inaqqas l-emissjonijiet tiegħu ta' gassijiet b'effett ta' serra. Bijokarburanti avanzati, bħal daww magħmulin minn skart u alka, jipprovdut tnaqqis għoli ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra b'riskju baxx li jinħoloq tibdil indirett fl-użu tal-art, u ma jikkompetux direttament għal art agrikola għas-swieq tal-ikel u tal-għalf. Ikkun jixraq, għalhekk, li titħeġġeġ produzzjoni akbar ta' bijokarburanti avanzati bħal dawn għax dawn bħalissa ma jistgħux jinkisbu kummerċjalment fi kwantitajiet kbar, parzjalment minħabba kompetizzjoni għal sussidji pubbliċi ma' teknoloġiji stabbiliti ta' bijokarburanti b'bażi ta' għejejel tal-ikel. Kull Stat Membru għandu jipromwovi l-konsum ta' tali bijokarburanti avanzati, permezz tal-istabbiliment ta' sottomiri mhux vinkolanti legalment fil-livell nazzjonali bħala parti mill-obbligu sabiex jiġi żgurat li s-sehem tal-enerġija minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli fil-forom kollha tat-trasport fl-2020 ikun tal-inqas 10 % tal-konsum finali tal-enerġija fit-trasport f'dak l-Istat Membru. Huwa wkoll adatt li l-Istati Membri jirrapportaw dwar il-kisbiet tagħhom fir-rigward tat-tali sottomiri nazzjonali fl-2020, li għandu jiġi ppubblikat rapport ta' sinteżi tiegħu, sabiex tiġi vvalutata l-effettività tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art permezz tal-promozzjoni ta' bijokarburanti avanzati. Tali bijokarburanti avanzati u l-promozzjoni tagħhom huma mistennija jkollhom rwol importanti fid-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-iżvilupp ta' teknoloġiji tat-trasport b'livell baxx ta' karbonju lil hinn minn dik id-data.
- (8) Isiru distinzjonijiet fl-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art jirriżultaw mill-inputs ta' data differenti u s-suppożizzjonijiet ewlenin dwar żviluppi agrikolturali bħal tendenzi fir-rendimenti u l-produttività agrikolturali, l-allokkazzjoni tal-koprodott u t-tibdil osservat fl-użu globali tal-art u r-rati ta' deforestazzjoni, li mhumiex taħt il-kontroll tal-produtturi tal-bijokarburanti. Waqt li l-biċċa l-kbira tal-materja prima tal-bijokarburant jiġu prodotti fl-Unjoni, l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art huma l-aktar mistennija li jseħħu barra l-Unjoni, f'oqsma li fihom il-produzzjoni addizzjonali x'aktarx titwettagħ bl-inqas spiża. B'mod partikolari, is-suppożizzjonijiet fir-rigward tal-konverżjoni ta' foresti tropikali u l-iżvojtari ta' art tal-pit barra l-Unjoni jinfluwenzaw b'mod b'saħħtu l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' biodiżil minn għejejel taż-żejt, u bħala tali huwa importanti ħafna li jiġi żgurat li tali data u suppożizzjonijiet jiġu riveduti skont l-aħħar informazzjoni disponibbli dwar il-konverżjoni tal-art u d-deforestazzjoni, inkluż it-teħid ta' kwalunkwe progress li jkun sar f'dawk l-oqsma permezz ta' programmi internazzjonali li għaddejjin bħalissa.
- (9) Biex tkun żgurata l-kompetittività fit-tul tas-setturi industrijali b'bażi bijoloġika, u f'konformità mal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-13 ta' Frar 2012 intitolata "Ninnovaw għal Tkabbir Sostenibbli: Bijoeconomija għall-Ewropa" u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Settembru 2011 intitolata "Pjan Direzzjonali għal Ewropa

b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi" li jippromwovu bijoraffineriji integrati u diversifikati fl-Ewropa kollha, għandhom jiġu stabbiliti inkentivi mtejba skont id-Direttiva 2009/28/KE b'mod li tingħata preferenza lill-użu ta' materja prima ta' bijomassa li ma jkollhomx valur ekonomiku għoli għal użi oħra mhux ta' bijokarburanti.

- (10) Użu akbar ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli hu mezz kif jiġu indirizzati ħafna mill-isfidi fis-settur tat-trasport kif ukoll f'setturi oħrajn tal-enerġija. Huwa għalhekk xieraq li jingħataw inkentivi addizzjonali biex jiġi stimolat l-użu ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli fis-settur tat-trasport, u li jiżiedu l-fatturi ta' multiplikazzjoni għall-kalkolu tal-kontribut minn elettriku minn sorsi rinnovabbli kkunsmat minn trasport ferrovarju elettriċizzat u vetturi tat-triq elettriċizzati sabiex itejbu l-użu tagħhom u l-penetrazzjoni fis-suq.
- (11) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ tgħin biex tressaq lill-Unjoni eqreb lejn 'soċjetà li tirriċikla', billi tfittex li tevita l-ġenerazzjoni tal-iskart u li tuża l-iskart bħala riżorsa. Il-ġerarkija tal-iskart ġeneralment tistabbilixxi ordni ta' prijorità ta' x'jikkostitwixxi l-aħjar għażla ambjentali ġenerali fir-rigward tal-leġislazzjoni u l-politika tal-iskart. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw l-użu tal-materjali riċiklabbli f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u bl-għan li tinholq soċjetà li tirriċikla, u meta jkun possibbli m'għandhomx jappoġġaw ir-rimi f'radam jew l-inċinerazzjoni ta' materjali riċiklabbli bħal dawn. Xi wħud mill-materja prima li joħlqu riskji żgħar għat-tibdil indirett tal-użu tal-art jistgħu jitqiesu li jkunu skart. Madankollu, dawn jistgħu xorta jintużaw għal finijiet oħra li jirrappreżentaw prijorità ogħla minn irkupru tal-enerġija fil-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE. Huwa għalhekk xieraq li l-Istati Membri jagħtu attenzjoni xierqa lill-prinċipju tal-ġerarkija tal-iskart fi kwalunkwe miżura ta' inkentiv għall-promozzjoni tal-bijokarburanti ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art jew kwalunkwe miżura biex jitnaqqsu l-inkentivi għall-frodi fir-rigward tal-produzzjoni ta' bijokarburanti bħal dawn, b'tali mod li l-inkentivi għall-użu ta' tali materja prima ta' bijokarburant ma jmurx kontra l-isforzi biex jitnaqqas l-iskart jew jiżied ir-riċiklaġġ u l-użu effiċjenti u sostenibbli tar-riżorsi disponibbli. L-Istati Membri jistgħu jinkludu miżuri li qed jieħdu f'dak ir-rigward fir-rapportar tagħhom taħt id-Direttiva 2009/28/KE.
- (12) Il-livell minimu ta' tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet ġodda għandu jiżied sabiex jittejjeb il-bilanċ kumplessiv tagħhom ta' gassijiet b'effett ta' serra, kif ukoll biex jiġu skuraġġuti investimenti ulterjuri f'installazzjonijiet bi prestazzjoni baxxa fir-rigward tat-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra. Din iż-żieda tipprevedi salvagwardji għall-investimenti għall-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti u tal-bijolikwidi f'konformità mat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(6) tad-Direttiva 2009/28/KE.
- (13) Bħala tħejija għat-tranżizzjoni għal bijokarburanti avvanzati u biex ikunu mminimizzati l-impatti kumplessivi minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-perjodu sal-2020, ikun adatt li jiġi limitat l-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi miksubin minn għelejjel tal-ikel kif stabbilit fil-parti A tal-Anness VIII tad-Direttiva 2009/28/KE u fil-parti A tal-Anness V tad-Direttiva 98/70/KE, li jkunu jstgħu jingħaddu għall-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE, mingħajr ma jiġi ristrett l-użu kumplessiv ta' bijokarburanti u bijolikwidi.
- (14) Il-limitazzjoni tal-ammont ta' bijokarburanti u bijolikwidi miksuba mill-għelejjel tal-ikel li jstgħu jingħaddu favur il-miri stabbiliti fid-Direttiva 2009/28/KE ma għandhiex taffettwa l-libertà tal-Istati Membri li jirranġaw it-trajettorja proprja fir-rigward tal-konformità mas-sehem preskritt ta' bijokarburanti konvenzjonali fil-mira kumplessiva ta' 10 %. Konsegwentement, l-aċċess għas-suq tal-bijokarburanti prodotti mill-installazzjonijiet li kienu qed joperaw qabel tmim l-2013 jibqa' kompletament miftuħ. Għalhekk din id-Direttiva ma taffettwax l-aspettattivi leġittimi tal-operaturi ta' installazzjonijiet bħal dawn.
- (15) L-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art għandhom jiġu inklużi fir-rapportar mill-Kummissjoni tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-bijokarburanti skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE. Bijokarburanti magħmulin minn materja prima li ma jwasslux għal domanda addizzjonali ta' art, bħal dawk ta' materja prima minn skart, għandhom jiġu assenjati fattur ta' zero emissjonijiet.
- (16) Iż-żidiet tar-rendiment fis-setturi agrikoli permezz ta' rikerka intensifikata, żvilupp teknoloġiku u trasferiment tal-għarfien lil hinn mil-livelli li kienu jiddominaw fin-nuqqas ta' skemi għall-promozzjoni ta' skemi tal-produttività għall-bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u fuq l-għelejjel tal-ikel, kif ukoll il-kultivazzjoni tat-tieni għelejjel annwali fuq żoni li qabel ma kinux użati għat-ktabbir tat-tieni għalla annwali, jistgħu jikkontribwixxu biex jimmitigaw it-tibdil

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3).

indirett tal-użu tal-art. Sa fejn l-effett ta' mitigazzjoni tat-tibdil indirett tal-użu tal-art li jirriżulta fil-livell nazzjonali jew tal-proġett jista' jiġi kkwantifikat, miżuri introdotti b'din id-Direttiva jistgħu jirriflettu tali titjib fil-produttività kemm f'termini ta' valuri stmati ta' emissjonijiet tat-tibdil indirett tal-użu tal-art imnaqqa kif ukoll il-kontribut ta' bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u l-għalla tal-ikel lejn is-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli fit-trasport li għandhom jinkisbu fl-2020.

- (17) L-iskemi volontarji għandhom rwol dejjem aktar importanti fl-għoti tal-evidenza ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sostenibbiltà stipulati fid-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE. Huwa għalhekk xieraq li l-mandat tal-Kummissjoni jirrikjedi skemi volontarji, inklużi dawk diġà rikonoxxuti mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 7c(6) tad-Direttiva 98/70/KE u l-Artikolu 18(6) tad-Direttiva 2009/28/KE, biex jirrappurtaw b'mod regolari dwar l-attività tagħhom. Tali rapporti għandhom isiru pubbliċi sabiex tiżdied it-trasparenza u titjeb is-sorveljanza mill-Kummissjoni. Barra minn hekk, tali rappurtar jipprovdi l-informazzjoni meħtieġa biex il-Kummissjoni tirrapporta dwar l-operazzjoni tal-iskemi volontarji bil-ħsieb li tidentifika l-aħjar prassi u tippreżenta, jekk ikun adatt, proposta biex din l-aħjar prassi tkompli tiġi promossa.
- (18) Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, huwa adatt li jiġu ċċarati l-kondizzjonijiet li taħtom japplika l-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku bejn l-iskemi kollha għall-verifika tal-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi stabbiliti skont id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE.
- (19) Għalkemm bijokarburanti bbażati fuq l-ikel u l-għalla tal-ikel huma ġeneralment assoċjati ma' riskji tat-tibdil indirett tal-użu tal-art, hemm ukoll eċċezzjonijiet. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu ta' skemi li jistgħu b'mod affidabbli juru li ammont ta' materja prima ta' bijokarburanti prodotti fi proġett partikolari ma spostax il-produzzjoni għal finijiet oħra. Dan jista' jkun il-każ pereżempju, meta l-produzzjoni tal-bijokarburanti tkun ekwivalenti għall-ammont tal-produzzjoni addizzjonali miksub permezz ta' investimenti fi produttività mtejba 'l fuq mil-livelli li inkella kienu jinkisbu, jew meta l-produzzjoni tal-bijokarburanti sseħħ fuq art fejn ikun sar tibdil dirett fl-użu tal-art mingħajr impatti negattivi sinifikanti fuq is-servizzi tal-ekosistema pre-eżistenti mogħtija minn dik l-art, inklużi l-protezzjoni tal-ħażniet tal-karbonju u l-bijodiversità.
- (20) Ikun jixraq li jkun hemm allinjament tar-regoli għall-użu ta' valuri prestabbiliti biex jiġi żgurati trattamenti ugwali għall-produtturi mingħajr ma jitqies fejn issir il-produzzjoni. Filwaqt li pajjiżi terzi jitħallew jużaw valuri prestabbiliti, produtturi tal-Unjoni jeħtieġ li jużaw valuri reali fejn ikunu ogħla mill-valuri prestabbiliti, jew meta ma jkunx intbagħat rapport mill-Istat Membru, jiġifieri jżid il-piż amministrattiv tagħhom. Għalhekk, ir-regoli attwali għandhom ikunu ssimplifikati biex l-użu ta' valuri prestabbiliti ma jkunx limitat għal żoni fl-Unjoni inklużi fil-listi msemmijin fl-Artikolu 19(2) tad-Direttiva 2009/28/KE u fl-Artikolu 7d(2) tad-Direttiva 98/70/KE.
- (21) Bħala konsegwenza tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), is-setgħat kkonferiti lill-Kummissjoni bid-Direttivi 2009/28/KE u 98/70/KE jeħtieġ li jkunu allinjati mal-Artikoli 290 u 291 TFUE.
- (22) Biex ikunu żgurati kondizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE, il-Kummissjoni għandha tiġi kkonferita setgħat ta' implimentazzjoni. Dawk is-setgħat għandhom ikunu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾
- (23) Sabiex tkun tista' sseħħ l-adattazzjoni għall-progress tekniku u xjentifiku tad-Direttiva 98/70/KE, is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward taż-żieda ta' valuri tipiċi u prestabbiliti għal mogħdijiet tal-bijokarburanti u l-adattazzjoni tal-metodi analitiċi permessi relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tal-karburant u l-eżenzjoni dwar il-pessjoni mill-fwar permessa għall-petrol li jkun fih il-bijometanol.
- (24) Sabiex tkun tista' sseħħ l-adattazzjoni għall-progress tekniku u xjentifiku tad-Direttiva 2009/28/KE, is-setgħa għall-adozzjoni ta' atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward ta' żidiet possibbli mal-lista ta' materja prima ta' bijokarburant u karburanti li l-kontribut tagħhom għall-miri fl-Artikolu 3(4) ta' dik id-Direttiva għandu jitqies li jkun darbtejn il-kontenut ta' enerġija tagħhom, u wkoll fir-rigward taż-żieda tal-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti għal mogħdijiet tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

- (25) Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni fl-applikazzjoni tad-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol ta' thejjiya tagħha, inkluż fl-livell ta' esperti. Il-Kummissjoni, meta tkun qed tħejji u tfassal atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u adatta ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (26) Il-Kummissjoni għandha terġa' tħares lejn l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva, abbażi tal-aħjar u l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, biex jiġu limitati l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mit-tibdil indirett fl-użu tal-art u jiġu indirizzati modi biex dak l-impatt jiġi mminimizzat aktar.
- (27) F'konformità mad-Dikjarazzjoni Politika Konġunta tal-Istati Membri u tal-Kummissjoni dwar id-dokumenti ta' spjegazzjoni tat-28 ta' Settembru 2011 ⁽¹⁾, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jakkumpanjaw, f'każijiet ġustifikati, in-notifika tal-miżuri tat-traspożizzjoni tagħhom b'dokument wieħed jew aktar fejn jispjegaw ir-relazzjoni bejn il-komponenti ta' direttiva u l-partijiet korrispondenti tal-istrumenti tat-traspożizzjoni nazzjonali. Fir-rigward ta' din id-Direttiva, il-leġislatur iqis it-trażmissjoni ta' dan it-tip ta' dokumenti bħala ġustifikata.
- (28) Minħabba li l-għanijiet ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jiġi żgurat suq uniku għall-karburanti għat-trasport stradali u għal makkinarju mobbli mhux tat-triq u biex ikun żgurat rispettt tal-livelli minimi ta' ħarsien ambjentali fl-użu ta' dak il-karburant, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri, iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jinkisbu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjar-jeta kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu dawk l-għanijiet.
- (29) Id-Direttivi 98/70/KE u 2009/28/KE għandhom, għalhekk, jiġu emendati skont dan,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

Emendi għad-Direttiva 98/70/KE

Id-Direttiva 98/70/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, jiżdiedu l-punti li ġejjin:

- "10. "għelejjet b'kontenut għoli ta' lamtu" tfisser għelejjet li jinkludu prinċipalment ċereali (irrispettivament minn jekk jintużawx biss il-qmuħ jew il-pjanta kollha bħal fil-każ tal-qamharrun aħdar), tuberi u għelejjet tal-għeruq (bħal patata, artiċokks, patata ħelwa, kassava u jam), u għelejjet corm (bħal taro u cocoyam);
11. "bijokarburanti ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art" tfisser bijokarburanti li l-materja prima tagħhom mhumiex elenkati fil-Parti A tal-Anness V jew huma elenkati fil-Parti A tal-Anness V, iżda li ġew prodotti fi skemi li jnaqqsu l-ispostament tal-produzzjoni għal finijiet minbarra dawk ta' produzzjoni ta' bijokarburanti u li ġew prodotti f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għall-bijokarburanti stipulati fl-Artikolu 7b. Jista' jiġi kkunsidrat biss l-ammont ta' materja prima li jikkorrispondi mat-tnaqqis proprju fl-ispostament miksub permezz tal-iskema. Tali skemi jistgħu joperaw bħala proġetti individwali fil-livell lokali jew inkella bħala miżuri ta' politika li jkopru b'mod parzjali jew sħiħ it-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz. L-ispostament tal-produzzjoni għal finijiet għajr dawk ta' produzzjoni ta' bijokarburanti jista' jitnaqqas jekk l-iskema tikseb żidiet fil-produttività fiż-żona li hija tkopri lil hinn minn livelli li kieku kienu jiddominaw fin-nuqqas ta' tali skemi ta' promozzjoni tal-produttività;
12. "residwu tal-ipproċessar" tfisser sustanza li mhijiex il-prodott(i) aħħari/aħħarija li proċess ta' produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; mhijiex l-għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha;
13. "residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija" tfisser residwi li huma ġġenerati direttament mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija; dawn ma jinkludux residwi minn industrijiet relatati jew minn ipproċessar relatat."

(2) L-Artikolu 7a huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

⁽¹⁾ ĠU C 369, 17.12.2011, p. 14.

"5. Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni uniformi ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3) biex jiġu stabbiliti:

- (a) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-karburanti minbarra bijokarburanti u mill-enerġija;
- (b) il-metodoloġija li tispesifika, qabel l-1 ta' Jannar 2011, l-istandard tal-linja ta' bażi għall-karburanti dwar l-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja għal kull unità ta' enerġija tal-karburanti fossili fl-2010 għall-finijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu;
- (c) regoli sabiex jiġi żgurat approċċ kemm jista' jkun uniformi għall-implimentazzjoni mill-Istati Membri tal-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;
- (d) il-metodoloġija biex jiġi kkalkulat il-kontribut tal-vetturi tat-triq tal-elettriku, li għandhom ikunu kompatibbli mal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE";

(b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"6. Bħala parti mir-rapportar skont il-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri tal-karburanti jirrapportaw kull sena lill-awtorità maħtura mill-Istat Membru, dwar il-mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti, il-volumi ta' bijokarburanti derivati mill-materja prima kif kategorizzati fil-Parti A tal-Anness V, u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija prodotta tul iċ-ċiklu tal-ħajja. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw din id-data lill-Kummissjoni."

(3) L-Artikolu 7b huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti meqjusin għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun mill-anqas ta' 60 % għall-bijokarburanti prodotti f'installazzjonijiet li jibdew joperaw wara ... (*). Installazzjoni għandha titqies li "qed topera" jekk il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti tkun seħħet.

Fil-każ ta' installazzjonijiet li kienu joperaw fi jew qabel ... (*), għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-bijokarburanti għandhom jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2017 u ta' mill-anqas 50 % mill-1 ta' Jannar 2018.

It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti għandu jiġi kkalkulat f'konformità mal-Artikolu 7d(1).";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji u l-firxiet ġeografiċi biex jiġi determinat liema bur hu kopert minn dak il-punt. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3)."

(4) L-Artikolu 7c huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta l-atti ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3), biex tistabbilixxi l-lista tal-informazzjoni adatta u rilevanti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'mod partikolari, li l-għoti ta' dik l-informazzjoni ma jkunx ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-operaturi inġenerali jew b'mod partikolari għall-bdiewa ż-żgħar, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi.";

(b) fil-paragrafu 5, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-iskemi volontarji msemmija fil-paragrafu 4 ("l-iskemi volontarji") għandhom b'mod regolari, u mill-inqas darba fis-sena, jipubblikaw lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni tagħhom li tintuża għal awditu indipendenti, li tindika għal kull korp ta' ċertifikazzjoni, l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li minnha kien rikonoxxut u l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li qed tissorveljah.

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

B'mod partikolari għall-prevenzjoni ta' frodi, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' analiżi tar-riskju jew ir-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, tispeċifika l-istandards ta' awditu indipendenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. Dan għandu jsir permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3). Tali atti għandhom jstabilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji jeħtieġ li jimplimentaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplimentaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst.";

(c) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Id-deċiżjonijiet taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3). Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu validi għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi li kull skema volontarja, li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwarha skont il-paragrafu 4, tippreżenta sa ... (*), u sussegwentement kull sena sat-30 ta' April, rapport lill-Kummissjoni li jkopri kull wieħed mill-punti stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Ġeneralment, ir-rapport għandu jkopri s-sena kalendarja preċedenti. L-ewwel rapport għandu jkopri mill-inqas sitt xhur minn ... (**). Ir-rekwiżit li jiġi ppreżentat rapport għandu japplika biss għall-iskemi volontarji li jkunu operaw għal mill-inqas 12-il xahar.

Sa ... (***) il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li janalizza r-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jeżamina mill-ġdid l-operat ta' ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 4 jew skemi volontarji li għalihom tkun ġiet adottata deċiżjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, u li jidentifika l-aħjar prassi. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, inkluż wara konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati, u fuq esperjenza Prattika fl-applikazzjoni tal-ftehimiet jew l-iskemi kkonċernati. Ir-rapport għandu janalizza dan li ġej:

b'mod ġenerali:

- (a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dawk l-aspetti fid-dokumentazzjoni tal-iskema meta l-iskema inkwistjoni ġiet approvata mill-Kummissjoni kif ukoll b'rabta mal-aħjar prassi tal-industrija;
- (b) id-disponibbiltà ta', u l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-non-konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' mgħiba ħażina serja min-naħa tal-membri tal-iskema;
- (c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċċertifikati u ċ-ċertifikati rilevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;
- (d) l-involvement tal-partijiet interessati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditu u t-twegħiba li tingħata għall-kontributi tagħhom;
- (e) is-solidità ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl ta' regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;
- (f) l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u bijokarburanti ċċertifikati, skont il-pajjiż ta' oriġini u t-tip, in-numru ta' parteċipanti;
- (g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' traċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membri(i) tagħha, tali sistema bl-intenzjoni li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni tal-attività ta' frodi bil-ħsieb partikolari tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn adatt, għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati;

u b'mod partikolari:

- (h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jissorveljaw il-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (i) kriterji għar-rikonoxximent u l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

(*) Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Id-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

(***) Tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Stat Membru jista' jinnotifika l-iskema nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-valutazzjoni ta' tali skema. Deċiżjoni dwar il-konformità ta' tali skema nazzjonali notifikata bil-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva għandha tiġi adottata f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3), sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonossiment bilaterali u multilaterali reċiproku ta' skemi għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijokarburanti. Fejn id-deċiżjoni hija pożittiva, l-iskemi stabbiliti skont dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw ir-rikonossiment reċiproku mal-iskema ta' dak l-Istat Membru.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-Artikolu 7b fir-rigward ta' sors ta' bijokarburant u, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi talba, f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3), tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax jikkunsidra bijokarburant magħmul minn dak is-sors għall-finijiet tal-Artikolu 7a.".

(5) L-Artikolu 7d huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola fir-rapporti inkluża fil-paragrafu (2) fil-każ tal-Istati Membri, u, fil-każ ta' territorji barra mill-Unjoni, frapporti ekwivalenti għal dawk imsemmijin fil-paragrafu 2 u mfasslin minn korpi kompetenti, jistgħu jiġu rrapportati lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3), li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jkun fihom data preċiża biex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima ta' bijokarburanti tipikament prodotti f'dawk iż-żoni għall-finijiet tal-Artikolu 7b(2).

5. Mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 u kull sentejn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar il-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-Partijiet B u E tal-Anness IV, filwaqt li tagħti attenzjoni speċjali għal emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u mill-ipproċessar.

F'każ li r-rapporti msemmijin fl-ewwel subparagrafu jindikaw li l-valuri tipiċi u prestabbiliti stmati fil-Partijiet B u E tal-Anness IV jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġustati fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti, il-Kummissjoni għandha, kif adatt, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill.";

(b) il-paragrafu 6 huwa mħassar;

(c) fil-paragrafu 7, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt analiżi l-Anness IV, bil-ħsieb, fejn iġġustifikat, taż-żieda ta' valuri għal aktar mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti għall-istess materja prima jew għal oħra. Dik l-analiżi għandha tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stabbilita fil-Parti C għall-Anness IV, partikolarment fir-rigward ta':

- il-metodu kif jiġu ttrattati l-iskart u r-residwi;
- il-metodu kif jiġu ttrattati l-prodotti sekondarji;
- il-metodu kif tiġi ttrattata l-koġenerazzjoni; u
- l-istatus mogħti lir-residwi tal-għalla bħala prodotti sekondarji.

Il-valuri prestabbiliti għall-iskart veġetali jew il-bijodiżil miż-żejt tal-annimali għandhom jiġu riveduti malajr kemm jista' jkun. F'każ li r-reviżjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi li għandhom isiru żidiet għall-Anness IV, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 10a biex iżżid, iżda mhux biex tneħħi jew temenda, il-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-Partijiet A, B, D u E tal-Anness IV għall-mogħdijiet tal-bijokarburanti li għalihom għadhom mhumiex inklużi valuri speċifiċi f'dak l-Anness.";

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-punt 9 tal-Parti C tal-Anness IV, il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet u definizzjonijiet tekniċi dettaljati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3)."

(6) Il-paragrafu 2 tal-Artikolu 7e hu sostitwit b'dan li ġej:

"2. Ir-rapporti mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill imsemmijin fl-Artikolu 7b(7), l-Artikolu 7c(2), l-Artikolu 7c(9) u fl-Artikolu 7d(4) u (5), kif ukoll fir-rapporti u l-informazzjoni mibgħuta skont l-ewwel u l-ħames subparagrafi tal-Artikolu 7c(3) u l-Artikolu 7d(2), għandhom jitħejjew u jintbagħtu għall-finijiet tad-Direttiva 2009/28/KE u din id-Direttiva."

(7) L-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri għandhom jissorveljaw il-konformità mar-rekwiżiti tal-Artikoli 3 u 4, rigward il-karburanti tal-petrol u tad-diżil, fuq il-bażi tal-metodi analitiċi msemmija fl-Annessi I u II rispettivament."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Kull sena sal-31 ta' Awwissu, l-Istati Membri għandhom jibagħtu rapport dwar id-data nazzjonali tagħhom fir-rigward tal-kwalità tal-karburanti għas-sena kalendarja preċedenti. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi format komuni biex jintbagħat sommarju tad-data dwar il-kwalità tal-karburanti fil-livell nazzjonali permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(3). L-ewwel rapport għandu jintbagħat sat-30 ta' Ġunju 2002. Mill-1 ta' Jannar 2004, il-format ta' dan ir-rapport għandu jkun konsistenti ma' dak deskritt fl-i standard Ewropew rilevanti. B'żieda ma' dan, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw il-volumi totali tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil imqiegħda fis-suq fit-territorji tagħhom u l-volumi tal-karburanti tal-petrol mingħajr ċomb u tad-diżil imqiegħda fis-suq b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg. Barra min hekk, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw kull sena dwar id-disponibbiltà, fuq bażi ġeografika bilanċjata kif jixraq, ta' karburanti tal-petrol u tad-diżil b'kontenut massimu ta' kubrit ta' 10 mg/kg li huma kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom."

(8) Fl-Artikolu 8a, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. Fid-dawl tal-valutazzjoni mwettqa bl-użu tal-metodoloġija tat-test imsemmija fil-paragrafu 1, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jistgħu jirrevedu l-limitu tal-kontenut tal-MMT tal-karburant speċifikat fil-paragrafu 2, abbażi ta' proposta leġislattiva mill-Kummissjoni."

(9) Fl-Artikolu 9(1), jiżdied il-punt li ġej:

"(k) il-mogħdijiet ta' produzzjoni, il-volumi u l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra għal kull unità ta' enerġija prodotta tul iċ-ċiklu tal-ħajja, inklużi l-valuri proviżorji medji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensitività skont l-Anness V, tal-bijokarburanti kkunsmati fl-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament d-data dwar l-emissjonijiet proviżorji stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensitività."

(10) L-Artikolu 10 huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Proċedura għall-adattament ta' metodi analitiċi permessi u eżenzjonijiet tal-pessjoni tal-fwar permessa";

(b) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a sa fejn ikun meħtieġ biex tadatta l-metodi analitiċi permessi sabiex tiġi żgurata l-konsistenza ma' kwalunkwe reviżjoni tal-istandards Ewropej imsemmija fl-Anness I jew II. Il-Kummissjoni għandha wkoll tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 10a sabiex tadatta l-eżenzjonijiet tal-pessjoni tal-fwar permessa f'kPa għall-kontenut ta' etanol tal-petrol stabbilit fl-Anness III fil-limitu stabbilit fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(4). Tali atti delegati għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżenzjonijiet mogħtija skont l-Artikolu 3(4)."

(11) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 10a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati qed tiġi kkonferita lill-Kummissjoni soġġetta għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.
2. Is-setgħa li tadotta atti ddelegati msemmija fl-Artikolu 7d(7) u 10(1) għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ... (*).
3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 7d(7) u 10(1) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjem id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.
4. Mali tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
5. Att iddelegat adottat skont l-Artikolu 7d(7) u 10(1) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill f'perijodu ta' xahrejn min-notifika tal-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill ikunu t-tnejn għarrfu lill-Kummissjoni li huma ma jkunux se joġġezzjonaw. Il-perjodu għandu jkun estiż b'xahrejn wara l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill."

(12) L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 11

Proċedura ta' Kumitat

1. Minbarra fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn il-Kumitat għall-Kwalità tal-Karburanti. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).
 2. Għall-kwistjonijiet marbuta mas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti skont l-Artikoli 7b, 7c u 7d, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi msemmija fl-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2009/28/KE. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
 3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
- Fejn il-Kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)".

(13) L-Anness IV huwa emendat u l-Anness V jiżdied f'konformità mal-Anness I għal din id-Direttiva.

Artikolu 2

Emendi għad-Direttiva 2009/28/KE

Id-Direttiva 2009/28/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, il-punti li ġejjin jiżdiedu mat-tieni paragrafu:

- "(p) "skart" għandha tkun iddefinita b'halma hi ddefinita fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), sustanzi li jkunu ġew modifikati jew kontaminati intenzjonalment biex ikunu skont id-definizzjoni ma jkunux koperti minn din id-definizzjoni;

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

- (q) "ghelejjeġ b'kontenut għoli ta' lamtu" tfisser ghelejjeġ li jinkludu prinċipalment ċereali (irrispettivament minn jekk jintużawx biss il-qmuħ jew il-pjanta kollha bħal fil-każ ta' qamħirrun aħdar, tuberji u ghelejjeġ tal-għeruq (bħal patata, articoċks, patata ħelwa, kassava u jam), u ghelejjeġ corm (bħal taro u cocoyam);
- (r) "materjal linjoċellulożiku" tfisser materjal magħmul minn linjin, ċelluloża u emiċelluloża bħal bijomassa li joriġinaw minn foresti, ghelejjeġ ta' injam għall-enerġija u residwi u skart ta' industriji li huma bbażati fuq il-foresti;
- (s) "materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" tfisser materja prima prinċipalment magħmula minn ċelluloża u emiċelluloża, u b'kontenut aktar baxx ta' linjin minn materjal linjoċellulożiku; hija tinkludi residwi tal-ikel u tal-għalla tal-ikel (bħal tiben, magħlef, ħlif u qxur), ghelejjeġ tal-enerġija ta' ħaxix b'kontenut baxx ta' lamtu (bħal swit-chgrass, miscanthus, kannamieli kbira), residwi industrijali (inklużi minn ghelejjeġ għall-ikel u l-għalf wara li żjut veġetali, zokkrijiet, lamti u proteini jkunu ġew estratti), u materjal mill-bijoskart;
- (t) "residwu tal-ipproċessar" tfisser sustanza li mhijiex il-prodott(i) tal-aħħar li proċess ta' produzzjoni jkun maħsub li jipproduċi direttament; din mhijiex għan primarju tal-proċess ta' produzzjoni u l-proċess ma jkunx ġie mmodifikat apposta biex jipproduċiha;
- (u) "residwi li ġejjin mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija" tfisser residwi li huma ġenerati direttament mill-agrikoltura, l-akkwakultura, is-sajd u l-forestrija; dawn ma jinkludux residwi minn industriji relatati jew minn ipproċessar relatati;
- (v) "bijokarburanti u bijolikwidi ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art" tfisser bijokarburanti u bijolikwidi, li l-materja prima tagħhom mhijiex elenkata fil-parti A tal-Anness VIII jew elenkata fil-parti A tal-Anness VIII, iżda li ġew prodotti fi skemi li jnaqqsu l-ispostament tal-produzzjoni għal finijiet minbarra dawk ta' produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi u li ġew prodotti f'konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għal bijokarburanti u bijolikwidi li huma stipulati fl-Artikolu 17. Jista' jġi kkunsidrat biss l-ammont ta' materja prima li jikkorrispondi mat-tnaqqis proprju fl-ispostament miksub permezz tal-iskema. Tali skemi jistgħu joperaw bħala proġetti individwali fil-livell lokali jew inkella bħala miżuri ta' politika li jkopru b'mod parzjali jew sħiħ it-territorju ta' Stat Membru jew ta' pajjiż terz. L-ispostament tal-produzzjoni għal finijiet għajr dawk ta' produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi jista' jtnaqqas jekk l-iskema tikseb żidiet fil-produttività fiż-żona li hija tkopri lil hinn minn livelli li kieku kienu jiddominaw fin-nuqqas ta' tali skemi ta' promozzjoni tal-produttività.

(*) Id-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Novembru 2008 dwar l-iskart u li tħassar ċerti Direttivi (ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3)."

(2) L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, għandu jżidied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-fini ta' konformità mal-mira msemmija fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-kontribut konġunt massimu minn bijokarburanti u bijolikwidi prodotti minn ċereali u minn ghelejjeġ oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u minn ghelejjeġ taz-zokkor u taż-żejt ma għandux tkun aktar mill-kwantità ta' enerġija li tkun tikkorrispondi għall-kontribut massimu kif stabbilit fil-paragrafu 4(d).";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) għall-kalkolu tad-denominatur, jiġifieri l-ammont ta' enerġija totali kkunsmat fit-trasport għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, għandhom jitqiesu biss il-petrol, id-diżil il-bijokarburanti kkunsmati fit-trasport bit-triq u bil-ferrovija, u l-elettriku, inkluż l-elettriku użat għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika;"

(ii) fil-punt (b), għandha tiżdied is-sentenza li ġejja:

"Dan il-punt għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-punt (d) ta' dan il-paragrafu u l-Artikoli 17(1)(a);"

(iii) il-punt (c) huwa sostitwit minn dan ġej:

"(c) għall-kalkolu tal-kontribut mill-elettriku prodott minn sorsi rinnovabbli u kkunsmat f'kull tip ta' vettura elettrika u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika għall-fini tal-punti (a) u (b), l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jużaw il-medja tas-sehem tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fl-Unjoni jew is-sehem tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli f'pajjiżhom stess kif imkejjel sentejn qabel dik is-sena partikolari. Barra minn hekk, għall-kalkolu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kkunsmat mit-trasport tal-ferrovija bl-elettriku, dak il-konsum għandu jitqies li jkun 2,5 darbiet daqs il-kontenut tal-enerġija tad-dħul tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli. Għall-kalkolu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli kkunsmat minn vetturi elettriċi tat-triq fil-punt (b), dak il-konsum għandu jitqies li jkun ħames darbiet daqs il-kontenut tad-dħul tal-elettriku minn sorsi tal-enerġija rinnovabbli."

(iv) jiżdiedu l-punti li ġejjin:

"(d) għall-kalkolu ta' bijokarburanti fin-numeratur, is-sehem ta' enerġija minn bijokarburanti prodotti minn ċereali u minn għelejjejl oħra b'kontenut għoli ta' lamtu, u minn għelejjejl taz-zokkor u taż-żejt ma għandux ikun aktar minn 7 % tal-konsum finali ta' enerġija fit-trasport fl-Istati Membri fl-2020;

(e) l-Istati Membri għandhom ifittxu li jilhqqu l-għan ta' proporzjon minimu ta' bijokarburanti prodotti minn materja prima u karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX, li jiġu kkunsmati fit-territorju tagħhom. Għal dak l-għan, kull Stat Membru għandu jistabbilixxi mira nazzjonali, li għandu jimpenja li jikseb. Valur ta' referenza għal din il-mira hija ta' 0,5 punti perċentwali f'kontenut ta' enerġija tas-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli fil-forom kollha ta' trasport fl-2020 msemmija fl-ewwel subparagrafu, li għandu jkun issodisfat b'bijokarburanti prodotti minn materja prima, u karburanti oħra elenkati fil-Parti A tal-Anness IX, u li għandu jitqies bħala darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom f'konformità mal-punt (f) ta' dan is-subparagrafu u l-parti A tal-Anness IX. Barra minn hekk, bijokarburanti magħmula minn materja prima mhux elenkati fl-Anness IX li ġew stabbiliti li huma skart, residwi, materjal taċ-ċelluloża mhux tal-ikel u materjal linjoċellulożiku mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti u huma użati f'installazzjonijiet eżistenti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva 2014/.../UE (*) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*), jistgħu jingħaddu għall-mira nazzjonali.

L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu mira nazzjonali aktar baxxa mill-valur ta' referenza ta' 0,5 punti perċentwali, ibbażata fuq waħda jew aktar mir-raġunijiet li ġejjin:

- (i) fatturi oġġettivi bħal potenzjal limitat ta' produzzjoni sostenibbli ta' bijokarburanti minn materja prima għal ipproċessar industrijali u produttiv u karburanti oħra elenkati fil-parti A tal-Anness IX, jew id-disponibilità limitata ta' bijokarburanti bħal dawn fuq il-prezzijiet kosteffiċjenti fis-suq, filwaqt li jqisu l-valutazzjoni li tinsab fir-rapport tal-Kummissjoni msemmi fl-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2014/.../UE (*);
- (ii) il-karatteristiċi speċifiċi tekniċi jew klimatiċi tas-suq nazzjonali għall-karburanti għat-trasport, bħall-kompożizzjoni u l-kondizzjoni tal-flotta tal-vetturi tat-triq; jew
- (iii) il-politiki nazzjonali jallokaw riżorsi finanzjarji proporzjonati biex iħeġġu l-użu tal-elettriku minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli fit-trasport.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika:

— il-miri nazzjonali tal-Istati Membri u, meta applikabbli, ir-raġunijiet għal differenzjazzjoni tal-mira nazzjonali tagħhom meta mqabbla mal-valur ta' referenza, innotifikata f'konformità mal-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2014/.../UE (*);

— rapport ta' sintesi dwar il-kisbiet tal-Istati Membri lejn il-miri nazzjonali tagħhom.

(f) bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkati fl-Anness IX għandhom jitqiesu bħala d-doppju tal-kontenut enerġetiku tagħhom.

(*) Direttiva 2014/.../UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' ..., li temenda d-Direttiva 98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/12/KEE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (ĠU L ..., p. ...).

(*) In-numru ta' din id-Direttiva.

(c) fil-paragrafu 4, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sal-31 ta' Diċembru 2017, il-Kummissjoni għandha, fejn adatt, tippreżenta proposta li tippermetti, soġġett għal ċerti kondizzjonijiet, l-ammont sħiħ tal-elettriku li joriġina minn sorsi rinnovabbli li jintuża biex jagħti l-enerġija lit-tipi kollha ta' vetturi elettriċi, u għall-produzzjoni ta' karburanti rinnovabbli likwidi jew tal-gass ta' oriġini mhux bijoloġika li għandhom jiġu kkunsidrati.";

(d) fil-paragrafu 4, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Għall-finijiet ta' konformità mal-miri stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 u dan il-paragrafu, il-kontribut li jsir minn bijokarburanti prodotti minn materja prima elenkati fil-parti A tal-Anness IX għandhom jitqiesu bħala darbejn il-kontenut tal-enerġija tagħhom.";

(e) jiżdied il-paragrafu li ġej:

"5. Bil-ħsieb li jiġi minimizzat ir-riskju li konsenji uniċi jiġu ddikjarati aktar minn darba fl-Unjoni, l-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jagħmlu hilitom biex isaħħu l-kooperazzjoni fost is-sistemi nazzjonali u bejn is-sistemi nazzjonali u skemi volontarji stabbiliti skont l-Artikolu 18, inkluż bl-iskambju ta' data fejn adatt. Biex ikunu evitati l-modifika jew ir-rimi intenzjonali tal-materjali sabiex dawn jaqgħu taħt l-Anness IX, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp u l-użu tas-sistemi li jsibu u jintraċċaw materja prima u l-bijokarburanti li jirriżultaw tul il-katina tal-valur kollha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta jiġu skoperti l-frodi, tittieħed azzjoni adatta. L-Istati Membri għandhom sal-31 ta' Diċembru 2017, u kull sentejn wara dan, jirrapportaw dwar il-miżuri li jkun hađu jekk ma jkunux ipprovdew informazzjoni ekwivalenti dwar l-affidabbiltà u l-protezzjoni kontra l-frodi fir-rapporti tagħhom dwar il-progress fil-promozzjoni u l-użu ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli mfassla f'konformità mal-Artikolu 22(1)(d).

Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 25 biex temenda l-lista ta' materja prima fil-parti A tal-Anness IX sabiex iżżid materja prima, iżda mhux biex tneħħiha. Il-Kummissjoni għandha tadotta att iddelegat separata fir-rigward ta' kull materja prima li għandu jiżdied mal-lista fil-parti A tal-Anness IX. Kull att delegat għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-progress xjentifiku u tekniku l-aktar reċenti, b'kont debitu meħud tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart, u li jappoġġa l-konklużjoni li l-materja prima inkwistjoni ma joħloqx domanda addizzjonali għall-art jew effetti distorsivi sinifikanti fuq is-swieq għal prodotti (sekondarji), skart jew residwi, li jipprovdni tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra meta mqabbel ma' karburanti fossili, u li ma għandux ir-riskju li joħloq impatti negattivi fuq l-ambjent u l-bijodiversità."

(3) Fl-Artikolu 5, jitħassar il-paragrafu 5.

(4) Fl-Artikolu 6, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li:

"1. L-Istati Membri jistgħu jaqblu u jistgħu jagħmlu arranġamenti għat-trasferiment statistiku ta' ammont speċifikat ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli minn Stat Membru wieħed għal Stat Membru ieħor. Il-kwantità trasferita għandha:

(a) titnaqqas mill-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kejl tal-konformità mill-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1), (2) u (4); u

(b) tiżdied mal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli li jkun ikkunsidrat fil-kejl tal-konformità minn Stat Membru ieħor li jaċċetta t-trasferiment mar-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1), (2) u (4).

2. L-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-Artikolu 3(1), (2) u (4) jista' jkollhom durata ta' sena waħda jew aktar. Dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn tliet xhur wara t-tmiem ta' kull sena li fiha jkollhom effett. It-tagħrif mibgħut lill-Kummissjoni għandu jinkludi l-kwantità u l-prezz tal-enerġija involuta."

(5) L-Artikolu 17 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi meqjusin għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 għandu jkun mill-anqas ta' 60 % għal bijokarburanti u bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet li jibdeu joperaw wara ... (*). Installazzjoni għandha titqies li qed topera jekk il-produzzjoni fiżika ta' bijokarburanti jew bijolikwidi tkun seħħet.

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Fil-każ ta' installazzjonijiet li kienu joperaw fi jew qabel ... (*), għall-finijiet imsemmijin fil-paragrafu 1, il-bijokarburanti u l-bijolikwidi għandhom jiksbu tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra ta' mill-anqas 35 % sal-31 ta' Diċembru 2017 u ta' mill-anqas 50 % mill-1 ta' Jannar 2018.

It-tnaqqis ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti u bijolikwidi għandu jkun ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 19(1).";

(b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-punt (c) tal-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu l-kriterji u l-firxiet ġeografiċi biex tiddetermina liema bur huwa kopert minn dak il-punt. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3)."

(6) L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), biex tistabbilixxi l-lista ta' informazzjoni adatta u rilevanti msemmija fl-ewwel żewġ subparagrafi ta' dan il-paragrafu. Il-Kummissjoni għandha tiżgura, b'mod partikolari, li l-għoti ta' dik l-informazzjoni ma jkunx ta' piż amministrattiv eċċessiv għall-operaturi inġenerali jew b'mod partikolari għall-bdiewa ż-żgħar, l-organizzazzjonijiet tal-produtturi u l-kooperattivi.";

(b) fil-paragrafu 4, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li skemi volontarji nazzjonali jew internazzjonali li jstabbilixxu standards għall-produzzjoni ta' prodotti ta' bijomassa jkun fihom data preċiża għall-finijiet tal-Artikolu 17(2), u/jew juru li konsenji ta' bijokarburant jew bijolikwidu jkunu konformi mal-kriterji ta' sostenibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 17(3), (4) u (5), u/jew li l-ebda materjal ma ġie mmodifikat jew mormi intenzjonalment sabiex il-konsenja jew parti minnha taqa' taħt l-Anness IX. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li dawn l-iskemi jkun fihom data preċiża għall-finijiet ta' informazzjoni dwar miżuri meħudin għall-konservazzjoni ta' żoni li jipprovdur, f'sitwazzjonijiet kritiċi, servizzi bażiċi ta' ekosistemi (bħal protezzjoni għal nixxigħat ta' ilma minn art għolja għal xmajjar jew ibħra, u kontroll tal-erożjoni), għall-protezzjoni tal-ħamrija, tal-ilma u tal-arja, ir-restawr ta' art degradata, li jkun evitat konsum eċċessiv ta' ilma f'żoni fejn l-ilma jkun skars u dwar il-kwistjonijiet imsemmijin fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 17(7). Il-Kummissjoni tista' wkoll tirrikonoxxi żoni għall-protezzjoni ta' ekosistemi jew speċijiet rari, mhedda jew fil-periklu ta' estinzjoni rikonoxxuti minn ftehimiet internazzjonali jew inklużi f'listi stabbiliti minn organizzazzjonijiet intergovernattivi jew mill-Unjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tan-Natura għall-finijiet tal-Artikolu 17 (3)(b) (ii).";

(c) fil-paragrafu 5, jiżdiedu s-subparagrafi li ġejjin:

"L-iskemi volontarji msemmija fil-paragrafu 4 (l-iskemi volontarji) għandhom b'mod regolari, u mill-inqas darba fis-sena, jipubblikaw lista tal-korpi ta' ċertifikazzjoni tagħhom li tintuża għal awditu indipendenti, li tindika għal kull korp ta' ċertifikazzjoni, l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li minnha kien rikonoxxut u l-entità jew l-awtorità nazzjonali pubblika li qed tissorveljah.

B'mod partikolari għall-prevenzjoni ta' frodi, il-Kummissjoni tista', abbażi ta' analiżi tar-riskju jew tar-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, tispeċifika l-istandards ta' awditu indipendenti u tirrikjedi li l-iskemi volontarji kollha japplikaw dawk l-istandards. Dan għandu jsir permezz ta' atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3). Tali atti għandhom jstabbilixxu perijodu ta' żmien li fih l-iskemi volontarji jeħtieġ li jimplementaw l-istandards. Il-Kummissjoni tista' tħassar deċiżjonijiet li jirrikonoxxu l-iskemi volontarji fil-każ li dawk l-iskemi jonqsu milli jimplementaw tali standards fil-perijodu ta' żmien previst.";

(d) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Id-deċiżjonijiet taħt il-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3). Tali deċiżjonijiet għandhom ikunu validi għal perijodu ta' mhux aktar minn ħames snin.

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tirrikjedi li kull skema volontarja, li tkun ġiet adottata deċiżjoni dwarhaskont il-paragrafu 4, tippreżenta sa ... (*), u sussegwentement kull sena sat-30 ta' April, rapport lill-Kummissjoni li jkopri kull wieħed mill-punti stabbiliti fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu. Ġeneralment, ir-rapport għandu jkopri s-sena kalendarja preċedenti. L-ewwel rapport għandu jkopri mill-inqas sitt xhur minn ... (**). Ir-reqwizit li jiġi ppreżentat rapport għandu japplika biss għall-iskemi volontarji li jkunu operaw għal mill-inqas 12-il xahar.

Sa ... (***), u sussegwentement fir-rapporti tagħha f'konformità mal-Artikolu 23(3), il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li janalizza r-rapporti msemmija fit-tieni subparagrafu ta' dan il-paragrafu, li jeżamina mill-ġdid l-operat ta' ftehimiet imsemmija fil-paragrafu 4 jew skemi volontarji li fir-rigward tagħhom tkun ġiet adottata deċiżjoni f'konformità ma' dan l-Artikolu, u li jidentifika l-aħjar prattiki. Ir-rapport għandu jkun ibbażat fuq l-aħjar informazzjoni disponibbli, inkluż wara konsultazzjonijiet ma' partijiet interessati, u fuq esperjenza prattika fl-applikazzjoni tal-ftehimiet jew l-iskemi kkonċernati. Ir-rapport għandu janalizza dan li ġej:

b'mod ġenerali:

- (a) l-indipendenza, il-modalità u l-frekwenza tal-verifiki, fir-rigward kemm ta' dak espress fid-dokumentazzjoni tal-iskema meta l-iskema kkonċernata ġiet approvata mill-Kummissjoni kif ukoll kontra l-aħjar prattika tal-industrija;
- (b) id-disponibbiltà, l-esperjenza u t-trasparenza fl-applikazzjoni ta' metodi għall-identifikazzjoni u l-indirizzar tan-non-konformità, b'attenzjoni partikolari biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet jew allegazzjonijiet ta' mgħiba ħażina serja min-naħa tal-membri tal-iskema;
- (c) it-trasparenza, b'mod partikolari fir-rigward tal-aċċessibbiltà tal-iskema, id-disponibbiltà ta' traduzzjonijiet fil-lingwi applikabbli tal-pajjiżi u r-reġjuni minn fejn toriġina l-materja prima, l-aċċessibbiltà ta' lista ta' operaturi ċċertifikati u ċ-ċertifikati rilevanti, u l-aċċessibbiltà ta' rapporti tal-awdituri;
- (d) l-involvement tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari fir-rigward tal-konsultazzjoni ma' komunitajiet indiġeni u lokali qabel jittieħdu d-deċiżjonijiet matul l-abbozzar u l-analiżi tal-iskema kif ukoll waqt l-awditu u t-tweġiba għall-kontributi tagħhom;
- (e) is-solidità ġenerali tal-iskema, b'mod partikolari fid-dawl ta' regoli dwar l-akkreditament, il-kwalifika u l-indipendenza tal-awdituri u tal-korpi rilevanti tal-iskema;
- (f) l-aġġornamenti tas-suq tal-iskema, l-ammont ta' materja prima u bijokarburanti ċċertifikati, skont il-pajjiż ta' oriġini u t-tip, in-numru ta' parteċipanti;
- (g) il-faċilità u l-effettività tal-implimentazzjoni ta' sistema ta' traċċar tal-provi ta' konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà li l-iskema tagħti lill-membri(i) tagħha, tali sistema bl-intenzjoni li sservi bħala mezz ta' prevenzjoni tal-attività ta' frodi bil-ħsieb partikolari tal-identifikazzjoni, it-trattament u s-segwitu tal-frodi u irregolaritajiet oħrajn suspettati u fejn adatt, għadd ta' każijiet ta' frodi jew irregolaritajiet identifikati; u

u b'mod partikolari:

- (h) għażliet għall-entitajiet biex ikunu awtorizzati jirrikonoxxu u jissorveljaw il-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (i) kriterji għar-rikonoxximent u l-akkreditazzjoni tal-korpi ta' ċertifikazzjoni;
- (j) regoli dwar kif għandu jsir il-monitoraġġ tal-korpi ta' ċertifikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel ir-rapporti mfasslin mill-iskemi volontarji disponibbli, f'forma aggregata jew sħiħa jekk adatt, fuq il-pjattaforma ta' trasparenza msemmija fl-Artikolu 24.

Stat Membru jista' jinnotifika l-iskema nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħti prijorità lill-valutazzjoni ta' tali skema. Deċiżjoni dwar il-konformità ta' tali skema nazzjonali nnotifikata mal-kondizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva għandha tiġi adottata skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), sabiex jiġi ffaċilitat ir-rikonoxximent bilaterali u multilaterali reċiproku ta' skemi għall-verifika tal-konformità mal-kriterji tas-sostenibbiltà għall-bijokarburanti u l-bijolikwidi. Fejn id-deċiżjoni hija pożittiva, l-iskemi stabbiliti skont dan l-Artikolu m'għandhomx jirrifjutaw ir-rikonoxximent reċiproku mal-iskema ta' dak l-Istat Membru.;

(*) Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Id-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva.

(***) Tmintax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(e) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fuq it-talba ta' Stat Membru jew fuq inizjattiva tagħha stess, il-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-Artikolu 17 fir-rigward ta' sors ta' bijokarburant u, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi talba, skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), tiddeċiedi jekk l-Istat Membru kkonċernat jistax jikkunsidra bijokarburant magħmul minn dak is-sors għall-finijiet tal-Artikolu 17(1)."

(7) L-Artikolu 19 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 3, 4 u 5 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"3. L-emissjonijiet tipiċi ta' gassijiet b'effett ta' serra mill-kultivazzjoni ta' materja prima agrikola inkluża fir-rapporti msemmijin fil-paragrafu 2 fil-każ tal-Istati Membri, u fil-każ tat-territorji barra l-Unjoni, f'rapporti ekwivalenti għal dawk imsemmijin fil-paragrafu 2 u mfasslin minn korpi kompetenti, jistgħu jiġu rrapportati lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni adottat skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3), li r-rapporti msemmijin fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu jkun fihom data preċiża sabiex jitkejlu l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra assoċjati mal-kultivazzjoni ta' materja prima ta' bijokarburanti u bijolikwidi tipikament prodotti f'dawk iż-żoni għall-finijiet tal-Artikolu 17(2).

5. Sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012 u kull sentejn wara dik id-data, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport dwar il-valuri stmati tipiċi u awtomatiċi fil-partijiet B u E tal-Anness V, filwaqt li tingħata attenzjoni speċjali lill-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport u mill-ipproċessar.

Fil-każ li r-rapporti msemmijin fl-ewwel subparagrafu jindikaw li l-valuri tipiċi u awtomatiċi stmati fil-partijiet B u E tal-Anness V jistgħu jeħtieġu li jiġu aġġustati fuq il-bażi tal-evidenza xjentifika l-aktar reċenti, il-Kummissjoni għandha, kif adatt, tippreżenta proposta leġiżlattiva lill-Parlament u lill-Kunsill."

(b) il-paragrafu 6 huwa mħassar;

(c) fil-paragrafu 7, l-ewwel, it-tieni u t-tielet subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha żżomm taħt analiżi l-Anness V, bil-ħsieb, fejn iġġustifikat, taż-żieda ta' valuri għal aktar mogħdijiet ta' produzzjoni tal-bijokarburanti għall-istess materja prima jew għal oħra. Dik l-analiżi għandha tqis ukoll il-modifika tal-metodoloġija stabbilita fil-parti C għall-Anness V, partikolarment fir-rigward ta':

— il-metodu kif jiġu ttrattati l-iskart u r-residwi;

— il-metodu kif jiġu ttrattati l-prodotti sekondarji;

— il-metodu kif tiġi ttrattata l-koġenerazzjoni; u

— l-istatus mogħti lir-residwi tal-għalla bħala prodotti sekondarji.

Il-valuri prestabbiliti għall-iskart veġetali jew il-bijodiżil miż-żejt tal-annimali għandhom jiġu riveduti malajr kemm jista' jkun. F'każ li r-reviżjoni tal-Kummissjoni tikkonkludi li għandhom isiru żidiet għall-Anness V, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 25a biex iżżid, iżda mhux biex tneħħi jew temenda, il-valuri stmati tipiċi u prestabbiliti fil-partijiet A, B, D u E tal-Anness V għall-mogħdijiet tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi li għalihom għadhom mhumiex inklużi valuri speċifiċi f'dak l-Anness."

(d) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"8. Fejn ikun meħtieġ sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tal-punt 9 tal-Parti C għall-Anness V il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jstabbilixxu speċifikazzjonijiet u definizzjonijiet tekniċi dettaljati. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 25(3)."

(8) L-Artikolu 21 huwa mħassar.

(9) L-Artikolu 22(1) it-tieni subparagrafu huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt (i) huwa sostitwit b'dan li ġej:

'(i) l-iżvilupp u s-sehem tal-bijokarburanti magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX inkluża valutazzjoni tar-riżorsi li tiffoka fuq l-aspetti ta' sostenibbiltà relatati mal-effett tas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-ikel jew tal-għalf għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, waqt li jitqiesu b'mod debitu l-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE il-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa, iż-żamma tal-ħażna neċessarja ta' karbonju fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi;';

(b) jiżdied il-punt li ġej:

"(o) l-ammonti ta' bijokarburanti u bijolikwidi f'unitajiet ta' enerġija li jikkorrispondu għal kull kategorija ta' grupp ta' materja prima elenkat fil-parti A tal-Anness VIII li jiġi kkunsidrat minn dak l-Istat Membru għall-fini ta' konformità mal-miri fl-Artikolu 3(1) u (2), u fl-ewwel subparagrafu fl-Artikolu 3(4)."

(10) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) l-aħħar sentenza fil-paragrafu 1 hija mħassra;

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. Fir-rappurtar tagħha dwar emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art, il-Kummissjoni għandha tuża l-ammonti rappurtati mill-Istati Membri f'konformità mal-punt (o) tal-Artikolu 22(1), inklużi l-valuri medji proviżorji tal-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensitività kif imsemmi fl-Anness VIII. Il-Kummissjoni għandha tagħmel disponibbli pubblikament d-data dwar l-emissjonijiet proviżorji stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art u l-firxa assoċjata derivata mill-analiżi ta' sensitività. Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tevalwa jekk u kif tinbidel l-istima tal-iffrankar dirett fuq l-emissjonijiet jekk jittieħed kont tal-koprodotti bl-użu tal-approċċ ta' sostituzzjoni.";

(c) fil-paragrafu 5, il-punti (e) u (f) huma sostitwiti minn dan li ġej:

"(e) id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà tal-bijokarburanti magħmula minn materja prima elenkati fl-Anness IX, inkluża valutazzjoni tal-effett tas-sostituzzjoni ta' prodotti tal-ikel jew tal-għalf għall-produzzjoni ta' bijokarburanti, waqt li jitqiesu b'mod debitu l-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart kif stabbilit fid-Direttiva 2008/98/KE, il-prinċipju tal-użu sussegwenti tal-bijomassa, iż-żamma tal-ħażna neċessarja ta' karbonju fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi; u

(f) valutazzjoni dwar jekk il-firxa ta' inċertezza identifikata fl-analiżi li hija l-bażi tal-istimi ta' emissjonijiet minn tibdil indirett fl-użu tal-art tista' titnaqqas u jista' jitqies l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli.";

(d) fil-paragrafu 8, il-punt (b) tal-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) fir-rigward tal-mira msemmija fl-Artikolu 3(4), reviżjoni ta':

(i) l-effiċjenza fil-konfront tal-ispiża tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati biex jinkisbu l-miri;

(ii) valutazzjoni tal-fattibbiltà tal-ksib tal-miri filwaqt li tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-produzzjoni tal-bijokarburanti fl-Unjoni u f'pajjiżi terzi, u b'konsiderazzjoni tal-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, inklużi effetti u impatti indiretti fuq il-bijodiversità, kif ukoll id-disponibbiltà kummerċjali ta' bijokarburanti tat-tieni ġenerazzjoni;

(iii) l-impatt tal-implimentazzjoni tal-miri fuq id-disponibbiltà ta' oġġetti tal-ikel bi prezzijiet li jstgħu jintlaħqu;

(iv) id-disponibilità kummerċjali ta' vetturi elettriċi, ibridi u li jaħdmu bl-idroġenu, kif ukoll il-metodoloġija magħżula sabiex jiġi kkalkulat is-sehem ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmat fis-settur tat-trasport;

- (v) l-evalwazzjoni ta' kondizzjonijiet speċifiċi tas-suq, b'konsiderazzjoni, b'mod partikolari, għas-swieg li fihom il-karburanti tat-trasport jirrappreżentaw aktar minn nofs il-konsum aħħari tal-enerġija, u s-swieg li jiddependu totalment minn bijokarburanti importati;".

(11) L-Artikolu 25 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 25

Proċedura ta' Kumitat

1. Minbarra fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 2, il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Il-Kumitat dwar is-Sorsi Rinnovabbli tal-Enerġija. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (*).

2. Fi kwistjonijiet relatati mas-sostenibbiltà tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi, il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat dwar is-Sostenibbiltà tal-Bijokarburanti u l-Bijolikwidi. Li l-kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

Fejn il-Kumitati ma jagħtu ebda opinjoni, il-Kummissjoni m'għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

(*) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jstabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)."

(12) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"Artikolu 25a

Eżerċizzju tad-delega

1. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati qed tingħata lill-Kummissjoni soġġetti għall-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li jkunu adottati atti delegati msemija fl-Artikolu 3(5) u 19(7) għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin minn ... (*).

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa msemija fl-Artikoli 3(5) u 19(7) tista' tkun irrevokata f'kull mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttejjm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Hija ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att iddelegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 3(5) u 19(7) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun tqajmet l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jagħlaq dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhux ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill."

(13) L-Anness V huwa emendat u l-Annessi VIII u IX jiżdiedu f'konformità mal-Anness II għal din id-Direttiva.

Artikolu 3

Rieżami

1. Il-Kummissjoni għandha, sa mhux aktar tard minn ... (**), tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jinkludi valutazzjoni tad-disponibbiltà tal-kwantitajiet meħtieġa ta' bijokarburanti kosteffiċjenti fis-suq tal-Unjoni minn materja prima li ma jużawx art u minn għelejjel nonalimentari sal-2020, inkluża l-ħtieġa għal kriterji addizzjonali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom, u tal-aħjar evidenza xjentifika disponibbli dwar l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra

(*) Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

(**) Sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi. Ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk adatt, minn proposti għal aktar miżuri, b'kont meħud tal-konsiderazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Ir-rapport għandu wkoll jindika l-kriterji għall-identifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art, bil-ħsieb li jiġu aġġustati l-Anness V għad-Direttiva 98/70/KE u l-Anness VIII għad-Direttiva 2009/28/KE, jekk adatt.

2. Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2017, tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jeżamina mill-ġdid, abbażi tal-aqwa l-aħħar evidenza xjentifika disponibbli, l-effikaċja tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva biex jiġu limitati emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi. F'dan ir-rigward, ir-rapport għandu jinkludi wkoll l-aktar informazzjoni reċenti disponibbli fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ewlenin li jinfluwenzaw ir-riżultati tal-immudellar tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minn tibdil indirett fl-użu tal-art assoċjati mal-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi, inklużi tendenzi mkejla tar-rendimenti agrikoli u l-produttività, l-allokkazzjoni tal-koprodotti globali u tibdil osservat fl-użu globali tal-art u r-rati ta' deforestazzjoni, u l-impatt possibbli tal-politiki tal-Unjoni, bħall-ambjent, il-klima u l-politiki agrikoli, li jinvolvu l-partijiet interessati ftali proċess ta' reviżjoni. Ir-rapport għandu jeżamina wkoll l-iżviluppi fir-rigward ta' skemi ta' ċertifikazzjoni għal materja prima ta' bijokarburanti u bijolikwidi ta' riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art, elenkati fl-Anness V għad-Direttiva 98/70/KE u l-Anness VIII għad-Direttiva 2009/28/KE iżda prodotti taħt riskju baxx tat-tibdil indirett tal-użu tal-art permezz ta' miżuri ta' mitigazzjoni fil-livell ta' proġett, u l-effettività tagħhom.

Ir-rapport imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu, jekk ikun adatt, jiġi akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva bbażata fuq l-aħjar evidenza xjentifika disponibbli, biex ikunu introdotti fatturi aġġustati ta' emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art fil-kriterji adatti ta' sostenibbiltà u minn rieżami tal-effikaċja tal-inċentivi previsti għal bijokarburanti minn materja prima li ma jużawx art u minn għelejjel nonalimentari skont l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE. Bħala parti minn dak ir-rapport, il-Kummissjoni għandha, fid-dawl tar-rapporti tal-Istati Membri skont l-Artikolu 3(5) tad-Direttiva 2009/28/KE, tevalwa l-effettività tal-miżuri mittieħda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, u għandha, jekk adatt, tippreżenta proposti għal aktar miżuri, inkluż dwar miżuri addizzjonali li għandhom jittieħdu fil-livell tal-Unjoni.

3. Il-Kummissjoni għandha, jekk adatt fid-dawl tar-rapporti mill-iskemi volontarji skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7c(6) tad-Direttiva 98/70/KE u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 18(6) tad-Direttiva 2009/28/KE, tissottometti proposta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi dwar l-iskemi volontarji bil-ħsieb li tiġi promossa l-aħjar Prattika.

Artikolu 4

Traspożizzjoni

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għall-konformità ma' din id-Direttiva ... (*). Dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-Kummissjoni b'dan.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom ikun fihom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi dwar kif issir din ir-riferenza għandhom ikunu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tal-miżuri ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva. F'dik l-okkażjoni, l-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-miri nazzjonali tagħhom stabbiliti f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE u, fejn adatt, dwar divrenzjar tal-mira nazzjonali tagħhom meta mqabbla mal-valur ta' referenza msemmija fihom, u r-raġunijiet għal dan.

Fl-2020, l-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni l-kisba rispettiva fir-rigward tal-miri nazzjonali tagħhom stabbiliti f'konformità mal-punt (e) tal-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2009/28/KE, filwaqt li jispeċifikaw ir-raġunijiet għal kwalunkwe nuqqas.

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(*) Erbgħa u għoxrin xahar wara d-data ta' adozzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 6

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi ...

Għall-Parlament Ewropew

Il-President

...

Għall-Kunsill

Il-President

...

ANNEX I

L-Annessi għad-Direttiva 98/70/KE huma emendati kif ġej:

(1) Il-punt 7 tal-Parti C tal-Anness IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, e_1 , għandhom ikunu kkalkulati bid-diviżjoni ndaqgħal tal-emissjonijiet totali fuq 20 sena. Għall-kalkolu ta' dawgħal l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$$e_1 = (CS_R - CS_A) \times 3,664 \times 1/20 \times 1/P - e_B (*)$$

e_1 = emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra annwalizzati mill-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal CO₂ għal kull unità ta' enerġija prodotta (megajoules) mill-bijokarburant). 'Raba' (**) u 'raba' perenni (***) għandhom jitqiesu bħala użu wieħed tal-art;

CS_R = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f' Jannar 2008 jew 20 sena qabel ma nkisbet il-materja prima, skont liema jiġi l-aħħar;

CS_A = il-ħażna ta' karbonju kull żona ta' unità assoċjata mal-użu attwali tal-art (imkejla bħala massa tal-karbonju kull żona ta' unità, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna tal-karbonju takkumula għal aktar minn sena, il-valur attribwit għal CS_A għandu jkun il-ħażna stmata kull unità ta' medda wara għoxrin sena jew meta l-kultivazzjoni tilħaq il-maturità, skont liema jiġi qabel;

P = il-produttività tal-uċuh (imkejla bħala enerġija mill-bijokarburant għal kull żona ta' unità kull sena); u

e_B = bonus ta' 29 gCO_{2eq}/MJ bijokarburant jekk il-bijomassa tinkiseb minn art degradata ristawrata skont il-kondizzjonijiet previsti fil-punt 8.

(*) Il-kwożjent li jinkiseb meta l-piż molekulari ta' CO₂ (44,010 g/mol) jiġi diviż mill-piż molekulari tal-karbonju (12,011 g/mol) huwa ekwivalenti għal 3,664.

(**) Raba' kif definit mill-IPCC.

(***) Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msagħar ta' newba qasira u żejt tal-palm.

(2) Għandu jiżdied l-Anness li ġej:

"ANNEX V

Parti A. Emissjonijiet proviżorji stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art minn materja prima ta' bijokarburanti (gCO_{2eq}/MJ) (*)

Grupp tal-materja prima	Medja (*)	Firxa tal-interpercentil derivat mill-analiżi ta' sensitività (**)
Ċereali u għelejjel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu	12	8 sa 16
Zokkor	13	4 sa 17
Għelejjel taż-żejt	55	33 sa 66

(*) Il-valuri medji inklużi hawn jirrapreżentaw medja ppeżata tal-valuri tal-materja prima immudellati individwalment.

(**) Il-firxa inkluża hawn tirrifletti 90 % tar-riżultati bl-użu tal-ħames u tal-ħamsa u disgħin valuri perċentili li jirriżultaw mill-analiżi. Il-ħames perċentil jissuġġerixxi valur li 5 % tal-osservazzjonijiet li nstabu huma inqas minnu (jiġifieri 5 % mid-data totali użata uriet riżultati taħt 8, 4 u 33 gCO_{2eq}/MJ). Il-ħamsa u disgħin perċentil jissuġġerixxi valur li 95 % tal-osservazzjonijiet li nstabu huma aktar minnu (jiġifieri 5 % mid-data totali użata uriet riżultati taħt 16, 17 u 66 gCO_{2eq}/MJ).

Parti B. Bijokarburanti li għalihom l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art jitqiesu li huma żero

Bijokarburanti prodotti mill-kategoriji li ġejjin ta' materja prima ser jitqiesu li l-emissjonijiet stmati tagħhom minn tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu żero:

- (1) materja prima mhux elenkata fil-Parti A ta' dan l-Anness.
- (2) materja prima li l-produzzjoni tagħha wasslet għal tibdil dirett fl-użu tal-art, jiġifieri tibdil minn waħda mill-kategoriji tal-IPPC li ġejjin għall-kopertura tal-art; art tal-foresti, bwar, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, bħal raba' jew raba' perenni (**). F'każ bħal dan "valur ta' emissjonijiet minn tibdil dirett fl-użu tal-art (e) għandu jkun ġie kkalkulat f'konformità mal-paragrafu 7 tal-Parti C tal-Anness IV.

(*) Il-valuri medji rrappurtati hawn jirrappreżentaw medja ppeżata tal-valuri tal-materja prima immudellati individwalment. Il-kobor tal-valuri fl-Anness huwa sensitiv għal għadd ta' suppożizzjonijiet (bħat-trattament ta' koprodotti, żviluppi tar-rendiment, ħażniet tal-karbonju u l-ispostament ta' prodotti bażiċi oħrajn, eċċ) użati fil-mudelli ekonomiċi żviluppati sabiex dawn jiġu stmati. Minkejja li għaldaqstant mhux possibbli li tiġi karatterizzata bis-siġħ il-firxa ta' inċertezza assoċjata ma' dawn l-estimi, twettqet analiżi tas-sensittività li ssir fuq ir-riżultati abbażi tal-varajazzjoni każwali tal-parametri prinċipali, l-hekk imsejħa analiżi Monte Carlo.

(**) Għelejjel perenni huma ddefiniti bħala għelejjel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm."

ANNEX II

L-Annessi għad-Direttiva 2009/28/KE huma emendati kif ġej:

(1) Il-punt 7 tal-parti C tal-Anness Vhuwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. L-emissjonijiet annwalizzati mill-bidliet fil-ħażniet tal-karbonju kkawżati minn tibdil fl-użu tal-art, e_1 , għandhom ikunu kkalkulati bid-diviżjoni ndaqg tal-emissjonijiet totali fuq 20 sena. Għall-kalkolu ta' dawg l-emissjonijiet għandha tiġi applikata r-regola li ġejja:

$$e_1 = (CS_R - CS_A) \times 3,664 \times 1/20 \times 1/P - e_B (*)$$

fejn

e_1 = emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra annwalizzati minn tibdil ta' ħażna ta' karbonju minħabba tibdil fl-użu tal-art (imkejla bħala massa (grammi) ekwivalenti għal CO₂ għal kull unità ta' enerġija prodotta (megajoules) mill-bijokarburant jew mill-bijolikwidi). 'Raba' (**) u 'raba' perenni' (***) għandhom jitqiesu bħala użu wieħed tal-art;

CS_R = il-ħażna ta' karbonju għal kull unità ta' erja assoċjata mal-użu tal-art ta' referenza (imkejla bħala massa (tunnellati) ta' karbonju għal kull unità ta' erja, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). L-użu tal-art ta' referenza għandu jkun l-użu tal-art f'Janar 2008 jew 20 sena qabel ma l-materja prima tkun inkisbet, skont liema minnhom ikun seħħ l-aħħar;

CS_A = il-ħażna ta' karbonju kull żona ta' unità assoċjata mal-użu attwali tal-art (imkejla bħala massa tal-karbonju kull żona ta' unità, inklużi kemm il-ħamrija kif ukoll il-veġetazzjoni). F'każijiet fejn il-ħażna tal-karbonju takkumula għal aktar minn sena, il-valur attribwit għal CS_A għandu jkun il-ħażna stmata kull unità ta' medda wara għoxrin sena jew meta l-għalla tilħaq il-maturità, skont liema jiġi qabel;

P = il-produttività tal-għalla (imkejla bħala enerġija minn bijokarburant jew bijolikwidu għal kull unità ta' erja kull sena); u

e_B = bonus ta' 29 gCO_{2eq}/MJ bijokarburant jew bijolikwidu jekk il-bijomassa tinkiseb minn art degradata restawrata skont il-kondizzjonijiet previsti fil-punt 8.'

(*) Il-kwożjent li jinkiseb meta l-piż molekulari ta' CO₂ (44,010 g/mol) jiġi diviż mill-piż molekulari tal-karbonju (12,011 g/mol) huwa ekwivalenti għal 3,664.

(**) Raba' kif definit mill-IPCC.

(***) Għejejel perenni huma ddefiniti bħala għejejel pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħala pereżempju msaġar ta' newba qasira u żejt tal-palm.

(2) Jiżdied l-Anness li ġej:

'ANNEX VIII

Parti A. Emissjonijiet proviżorji stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art minn materja prima ta' bijokarburanti u bijolikwidi (gCO_{2eq}/MJ) (†)

Grupp tal-materja prima	Medja (*)	Firxa tal-interpercentil derivat mill-analiżi ta' sensitività (**)
Ċereali u għejejel oħra bi pjanti b'kontenut rikk ta' lamtu	12	8 sa 16
Zokkor	13	4 sa 17
Għejejel taż-żejt	55	33 sa 66

(*) Il-valuri medji inklużi hawn jirrappreżentaw medja ppeżata tal-valuri tal-materja prima immudellati individwalment.

(**) Il-firxa inkluża hawn tirrifletti 90 % tar-riżultati bl-użu tal-ħames u tal-ħamsa u disgħin valuri perċentili li jirriżultaw mill-analiżi. Il-ħames perċentil jissuġġerixxi valur li 5 % tal-osservazzjonijiet li nstabu huma inqas minnu (jiġifieri 5 % mid-data totali użata uriet riżultati taħt 8, 4 u 33 gCO_{2eq}/MJ). Il-ħamsa u disgħin perċentil jissuġġerixxi valur li 95 % tal-osservazzjonijiet li nstabu huma aktar minnu (jiġifieri 5 % mid-data totali użata uriet riżultati taħt 16, 17 u 66 gCO_{2eq}/MJ).

Parti B. Bijokarburanti u bijolikwidi li għalihom l-emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art jitqiesu li huma żero

Bijokarburanti u bijolikwidi prodotti mill-kategoriji li ġejjin ta' materja prima ser jitqiesu li l-emissjonijiet stmati tagħhom minn tibdil indirett fl-użu tal-art ikunu żero:

- (1) materja prima mhux elenkata fil-parti A ta' dan l-Anness.
- (2) materja prima li l-produzzjoni tagħha wasslet għal tibdil dirett fl-użu tal-art, jiġifieri tibdil minn waħda mill-kategoriji tal-IPPC li ġejjin għall-kopertura tal-art: art tal-foresti, bwar, artijiet mistagħdra, insedjamenti jew art oħra, bħal raba' jew raba' perenni (**). F'każ bħal dan "valur ta' emissjonijiet minn tibdil dirett fl-użu tal-art (e) għandu jkun ġie kkalkulat f'konformità mal-punt 7 tal-parti C tal-Anness V.

(*) Il-valuri medji rrappurtati hawn jirrappreżentaw medja ppeżata tal-valuri tal-materja prima immudellati individwalment. Il-kobor tal-valuri fl-Anness huwa sensitiv għal għadd ta' suppożizzjonijiet (bħat-trattament ta' koprodotti, żviluppi tar-rendiment, ħażniet tal-karbonju u l-ispostament ta' prodotti bażiċi oħrajn, eċċ.) użati fil-mudelli ekonomiċi żviluppati sabiex dawn jiġu stmati. Minkejja li għaldaqstant mhux possibbli li tiġi karatterizzata bis-siħ il-firxa ta' inċertezza assoċjata ma' dawn l-estimi, twettqet analiżi tas-sensittività li ssir fuq ir-riżultati abbażi tal-varjazzjoni każwali tal-parametri prinċipali, l-hekk imsejħa analiżi Monte Carlo.

(**) Għelejjet perenni huma ddefiniti bħala għelejjet pluriennali li z-zokk tagħhom ma jinħasadx kull sena bħal pereżempju msagħar ta' newba qasira u żejt tal-palm.'.

3. Jiżdied l-Anness li ġej:

"ANNEX IX

Parti A. Materja Prima u karburanti li l-kontribut tagħhom għall-mira/i msemmija fl- Artikolu 3(4) għandu jitqies li huwa darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħhom

- (a) Alka jekk ikkultivata fuq l-art f'għadajjar jew fotobijoreatturi.
- (b) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart muniċipali mħallat, iżda mhux skart domestiku soġġett għal miri ta' riċiklaġġ skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2008/98/KE.
- (c) Bijoskart kif definit fl-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 2008/98/KE minn unitajiet domestiċi privati soġġetti għal għbir separat kif definit fl-Artikolu 3(11) ta' dik id-Direttiva.
- (d) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart industrijali li mhux adatt biex jintuża fil-katina alimentari jew tal-ġhalf, inklużi materjali mill-industrija tal-bejgħ bl-imnut u bl-ingrossa u dik agroalimentari u tas-sajd u l-akkwakultura, u esklużi l-materja prima elenkati fil-parti B ta' dan l-Anness.
- (e) Tiben.
- (f) Demel tal-annimali u ħama tad-drenaġġ.
- (g) Effluwent minn imtieħen taż-żejt tal-palm u għenieqed vojta tal-frott tal-palma.
- (h) Żift miż-żejt tal-arżnu.
- (i) Glicerina mhux raffinata.
- (j) Bagasse.
- (k) Residwi tal-għasra u karfa tal-inbid.
- (l) Qxur tal-ġewż.
- (m) Ħlief.
- (n) Ċfaċaġh imnaddfa minn ħabb il-qamħirrum.
- (o) Frazzjoni ta' bijomassa ta' skart u residwi mill-forestrija u l-industrija bbażati fuq il-forestrija, jiġifieri qxur tas-siġar, friegħi, żbir ta' qabel il-kummerċjalizzazzjoni, weraq, weraq tal-arżnu, qċaċet tas-siġar, serratura, fdalijiet mill-qtuġh tas-siġar, likur iswed, likur kannella, tajn tal-fibra, linjin u żejt tal-arżnu.
- (p) Materjali ċellulożiku mhux tal-ikel ieħor kif definit fil-punt (s) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2.

- (q) Materjal linjoċellulożiku ieħor kif definit fil-punt (r) tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 għajr zkkuk maqtugħin u zkkuk maqtugħin miksija b'fuljetta fina.
- (r) Karburanti rinnovabbli likwidi u gassużi ta' oriġini mhux bijoloġika.

Parti B. Materja prima li l-kontribut tagħha għall-mira msemmiya fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 3(4) għandu jitqies li huwa darbtejn aktar mill-kontenut tal-enerġija tagħha

- (a) Żejt tal-ikel użat.
- (b) Xaħam tal-annimali kklassifikat bħala tal-kategoriji 1 u 2 f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1069/2009 (*)

(*) Ir-Regolament (KE) Nru 1069/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli tas-saħħa li jirrigwardaw prodotti sekondarji tal-annimali jew derivati minnhom mhux maħsuba għall-konsum mill-bniedem u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1774/2002 (Regolament dwar prodotti sekondarji tal-annimali) (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 1).¹

**Dikjarazzjoni tar-raġunijiet tal-Kunsill: Pożizzjoni (UE) Nru 2/2015 tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-
ħsieb tal-adozzjoni ta' Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva
98/70/KE dwar il-kwalità tal-karburanti tal-petrol u tad-diżil u li temenda d-Direttiva 2009/28/KE
dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli**

(2015/C 50/02)

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta msemmija hawn fuq fit-18 ta' Ottubru 2012, abbażi tal-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 114 tiegħu, fir-rigward ta' għadd ta' dispożizzjonijiet proposti.

Il-proposta ⁽¹⁾ hija intiża li temenda d-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburanti (98/70/KE kif emendata fi 2009/30/KE, minn issa 'l quddiem id-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti) u dwar is-Sorsi ta' Enerġija Rinnovabbli (2009/28/KE, minn issa 'l quddiem id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli) abbażi tar-rekwiżit inkluż f'dawk iż-żewġ Direttivi biex il-Kummissjoni tippovdi rapport li janalizza l-impatt tal-bidliet indiretti fl-użu tal-art ⁽²⁾ fuq l-emissjonijiet ta' gass b'effett ta' serra u li tindirizza modi li bihom jitnaqqas l-impatt, flimkien ma' proposta jekk ikun adatt. ⁽³⁾

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel tal-Parlament Ewropew ivvota dwar ir-rapport tiegħu fil-11 ta' Lulju 2013, u dan ġie segwit mill-adozzjoni tal-Parlament Ewropew tal-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-11 ta' Settembru 2013. ⁽⁴⁾

Fit-13 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill laħaq qbil politiku dwar l-abbozz tal-proposta. Wara reviżjoni legali/lingwistika, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni tiegħu fid-9 ta' Diċembru 2014 f'konformità mal-proċedura legiŝlattiva ordinarja stabbilita fl-Artikolu 294 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

Fit-tweġiq tal-ħidma tiegħu, il-Kunsill ħa kont tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Il-Kumitat tar-Reġjuni ddeċieda li ma joħroġx opinjoni.

II. GĦAN

L-għan tal-proposta tal-Kummissjoni huwa li jingħata bidu għat-transizzjoni għal bijokarburanti li jservu biex jitnaqqsu b'mod sostanzjali gassijiet b'effett ta' serra meta jiġu rrapportati wkoll emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art. Filwaqt li l-Kummissjoni tenfasizza li l-investimenti eżistenti għandhom ikunu protetti, l-għanijiet tal-proposta tal-Kummissjoni u l-elementi ewlenin tagħha huma li:

- jiġi limitat il-kontrit li bijokarburanti konvenzjonali (b'riskju ta' emissjonijiet ILUC) jagħtu biex jintlaħqu l-miri tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli;
- titjieb il-prestazzjoni tal-gassijiet b'effett ta' serra ta' proċessi ta' produzzjoni ta' bijokarburanti (tnaqqis ta' emissjonijiet assoċjati) billi jiżdied is-soll ta' tnaqqis ta' gassijiet b'effett ta' serra għal installazzjonijiet ġodda, bil-kondizzjoni li jiġu protetti l-installazzjonijiet li diġà jkunu qed joperaw;
- titħeġġeġ penetrazzjoni akbar fis-suq ta' bijokarburanti avanzati (ILUC baxxa) billi jkun permess li karburanti bħal dawn jikkontribwixxu aktar għall-miri tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli minn bijokarburanti konvenzjonali;
- jittejjeb ir-rappurtar ta' emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra billi jkun hemm l-obbligu li l-Istati Membri u l-fornituri ta' karburanti jirrapportaw emissjonijiet stmati ta' bijokarburanti minn tibdil indirett fl-użu tal-art.

III. ANALIŻI TAL-POŻIZZJONI TAL-KUNSILL

1. Ġenerali

Għalkemm il-Kunsill jaqbel mal-Kummissjoni u l-Parlament rigward l-għanijiet ewlenin tal-proposta, l-approċċ tal-Kunsill involva modifiki għall-proposta oriġinali. Il-Kunsill jimmira li jkun hemm approċċ bilanċjat li jqis il-ħtieġa li jiġu indirizzati

- il-fenomeni globali tal-ILUC,
- l-għan li jiġu pprovduti inċentivi għal bijokarburanti aktar avanzati,
- perspettiva aktar ċara ta' investiment u l-protezzjoni tal-investimenti magħmula abbażi ta' legiŝlazzjoni eżistenti tal-UE.

⁽¹⁾ 15189/12 ENV 789 ENER 417 ENT 257 TRANS 346 AGRI 686 POLGEN 170 CODEC 2432

⁽²⁾ "ILUC"

⁽³⁾ L-Artikolu 7d(6) tad-Direttiva 2009/30/KE u l-Artikolu 19(6) tad-Direttiva 2009/28/KE.

⁽⁴⁾ A7-0279/2013

Bħala riżultat ta' dan l-approċċ, il-pożizzjoni tal-Kunsill timmodifika, sa ċertu punt, il-proposta oriġinali tal-Kummissjoni, sabiex tirrifletti b'mod partikolari s-sitwazzjoni u l-inċertezzi attwali tal-estimi, iċ-ċirkostanzi u l-perspettivi tal-ILUC għall-produzzjoni u l-konsum tal-bijokarburanti, billi tabbozzaha mill-ġdid u tħassar xi dispożizzjonijiet tat-test. Din timplika li l-emendi kollha introdotti fl-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari u relatati ma' dawn id-dispożizzjonijiet imħassrin ma ġewx aċċettati mill-Kunsill. Barra minn hekk, għadd ta' emendi proposti ma ġewx aċċettati peress li dawn ġew meqjusa li ma kkontribwixxewx kif jixraq għall-għanijiet tad-Direttiva, u dispożizzjonijiet oħrajn ġew abbozzati mill-ġdid bil-għan li d-Direttiva tiġi ċċarata u tissaħħaħ.

It-taqsimiet li ġejjin jiddeskrivu l-bidliet ta' sustanza.

2. Kwistjonijiet ta' politika ewlenin

i) Soll għal bijokarburanti konvenzjonali u installazzjonijiet ġodda

Il-Kummissjoni pproponiet li tillimita, għal 5 %, il-kontribut tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi prodotti minn ċereali u għelejjet oħra b'kontenut rikku ta' lamtu, zokkor u għelejjet taż-żejt biex jintlaħqu l-miri tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, mingħajr ma jiġi stabbilit xi limitu fuq il-konsum globali tagħhom.

Filwaqt li l-Kunsill iqis li soll jista' jikkostitwixxi strument ta' politika biex jimmitigaw l-ILUC, huwa tal-fehma li jeħtieġ li l-proposta tal-Kummissjoni teħtieġ tiġi mmodifikata bil-ħsieb tal-għanijiet imsemmija hawn fuq. Il-pożizzjoni tal-Kunsill tistabbilixxi soll ta' 7%. Ta' min jinnota li l-Parlament żied ukoll is-soll propost mill-Kummissjoni permezz tal-emenda 181 tiegħu (għal 6%, inklużi l-għelejjet għall-enerġija). Il-Kunsill ma jappoġġax l-emenda 184/REV tal-Parlament li tapplika s-soll ukoll għal mira ta' tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti, u jinnota li l-Kummissjoni ma inkludietx l-applikazzjoni tas-soll fil-proposta tagħha. Il-Kunsill jikkunsidra li l-applikazzjoni tiegħu mhijiex xierqa minħabba li l-mira tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti hija mira għal tnaqqis fl-intensità tal-gassijiet b'effett ta' serra fit-taħlita tal-karburanti fl-UE.

Barra minn hekk, filwaqt li l-Kunsill jaċċetta limitu għall-kontribut għall-miri tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli, iqis ukoll li soll m'għandux jillimita l-flessibbiltà tal-Istati Membri billi jistabbilixxi li l-ammonti ta' bijokarburanti li jaqżu s-soll għandhom jitqiesu li mhumiex sostenibbli u għaldaqstant ma jkollhomx aċċess għal appoġġ fl-Istati Membri. Għaldaqstant il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emenda 89 tal-Parlament Ewropew.

Dwar l-installazzjonijiet il-ġodda, il-Kunsill jista' jaqbel fil-prinċipju mal-approċċ tal-Kummissjoni, appoġġat ukoll mill-Parlament, li jiġi antiċipat 60% tas-soll minimu tat-tnaqqis tal-gassijiet serra għal bijokarburanti/bijolikwidi prodotti f'installazzjonijiet ġodda (id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva, minflok id-data fissa proposta tal-1 ta' Lulju 2014).

ii) Stimu, rappurtar u revizzjoni tal-ILUC

Fit-test oriġinali tagħha, il-Kummissjoni tinkludi obbligu għall-Istati Membri/il-fornituri tal-karburanti li jżidu fir-rappurtar tagħhom l-emissjonijiet stmati tal-ILUC, għall-finijiet tal-kalkolu tat-tnaqqis taċ-ċiklu tal-ħajja tal-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra mill-użu ta' bijokarburanti/bijolikwidi. Huma proposti Annessi rispettivi ġodda (V għad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti u VIII għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli) b'emissjonijiet stmati minn tibdil indirett fl-użu tal-art minn ċerti gruppi ta' materja prima⁽¹⁾.

Il-Kunsill iqis li dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jirriflettu aħjar il-livell ta' inċertezza dwar l-immudellar, is-suppożizzjonijiet u l-istimi li jirriżultaw mil-ILUC, filwaqt li jimmiraw biex jintfiehem il-fenomenu tal-ILUC u jappoġġaw l-iżvilupp ulterjuri tal-aħjar evidenza xjentifika. It-test tal-Kunsill għalhekk jinkludi firxiet li juru tali inċertezza dwar l-emissjonijiet stmati proviżorji tal-ILUC fl-Annessi l-ġodda msemmija hawn fuq. L-Istati Membri/il-fornituri tal-karburanti jkollhom jirrapportaw l-ammonti ta' bijokarburanti/bijolikwidi għal kull kategorija ta' materja prima elenkata f'dawk l-annessi, li abbażi tagħhom il-Kummissjoni ser twestaq ir-rappurtar tagħha inkluż il-firxiet ta' valuri, bil-għan li titnaqqas il-firxa ta' inċertezza u b'hekk tinħoloq bażi xjentifika aktar soda. Barra minn hekk, dwar ir-rappurtar u r-reviżjoni, il-Kummissjoni tanalizza l-impatt possibbli tal-politiki tal-UE bħall-politiki tal-ambjent, il-klima u l-agrikoltura, u jekk dawn jistgħux jiġu kkunsidrati.

Ġew inklużi wkoll elementi msaħħa ta' revizzjoni, flimkien ma' definizzjoni ġdida ta' bijofjuwils/bijolikwidi b'riskju baxx tal-ILUC, inkluż l-istabbiliment tal-kriterji għall-identifikazzjoni u ċ-ċertifikazzjoni ta' bijokarburanti b'riskju baxx tal-ILUC bħal daww miksuba permezz ta' żidiet fir-rendiment, kif ukoll il-konsiderazzjoni ta' skemi ta' ċertifikazzjoni għall-produzzjoni ta' bijokarburanti u bijolikwidi ta' riskju baxx tal-ILUC permezz ta'

⁽¹⁾ Ċereali u għelejjet oħra rikki fil-lamtu, zokkor u għelejjet taż-żejt.

miżuri ta' mitigazzjoni fil-livell ta' proġett. Il-klawżola ta' revizzjoni żżomm il-possibbiltà li jiġu introdotti fatturi stmati aġġustati tal-ILUC fil-kriterji ta' sostenibbiltà. Barra minn hekk, fl-Artikolu ta' revizzjoni, il-pożizzjoni tal-Kunsill tappella lill-Kummissjoni, kif jinsab fl-emendi 189, 107 u 190 tal-Parlament, biex fir-reviżjoni tagħha tinkludi l-aħħar informazzjoni disponibbli fir-rigward tas-suppożizzjonijiet ewlenin għall-istimi tal-ILUC bħal tendenzi fir-rendimenti u l-produttività agrikoli, l-allokazzjoni tal-koprodott u t-tibdil osservat fl-użu globali tal-art u r-rati ta' deforestazzjoni.

Il-Kunsill ma jistax jaċċetta l-emenda 60 tal-Parlament, li l-għan tagħha hu li tinkludi fatturi tal-ILUC fil-kalkolu tal-emissjonijiet ta' gass b'effett serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja mill-bijokarburanti mill-2020 'il quddiem fid-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti, minħabba kunsiderazzjonijiet dwar in-natura tal-estimi tal-ILUC kif deskritt hawn fuq. Barra minn hekk, bħala approċċ ġenerali, il-pożizzjoni tal-Kunsill għandha l-għan li jkun hemm l-akbar koerenza possibbli bejn l-emendi għad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti u dawk għad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li, għal raġunijiet ta' koerenza bejn iż-żewġ Direttivi emendati, l-Anness VIII l-ġdid tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli, kif emendat bil-pożizzjoni tal-Kunsill, għandu jinżamm flimkien mal-Anness V l-ġdid tad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburanti, u ma għandux jitħassar bħal fl-emenda 164 tal-Parlament.

iii) *Inċentivi għal bijokarburanti avvanzati*

Biex jissaħħu l-inċentivi għal bijokarburanti avvanzati, minbarra s-soll fuq il-bijokarburanti konvenzjonali, il-Kummissjoni pproponiet skema li tippromwovi iktar bijokarburanti bħal dawn minn materja prima li ma toħloqx domanda addizzjonali għall-art billi ssuġġeriet li l-kontenut enerġetiku tagħhom għandu jgħodd erba' darbiet għall-ksib tal-mira ta' 10% għas-settur tat-trasport skont id-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli. Qed jiġi propost Anness IX ġdid għal dik id-Direttiva li jinkludi tali materja prima, bħal skart u residwi.

Fil-pożizzjoni tiegħu, il-Parlament introduċa miri obligatorji għall-Istati Membri biex gradwalment jiksbu mill-inqas 0.5 % tal-konsum tal-enerġija li għandu jintlaħaq permezz ta' bijofjuwils avvanzati fl-2016 u mill-inqas 2.5 % fl-2020. L-Anness IX huwa kklassifikat fi tliet kategoriji differenti fil-Partijiet A, B, u C, fejn xi materja prima tgħodd darba, oħra tgħodd darbtejn, u xi drabi oħra erba' darbiet biex tintlaħaq il-mira ta' 10 % għat-trasport, u huma biss dawk mill-Partijiet A u C li jgħoddu għall-mira ta' bijokarburanti avvanzati.

Il-Kunsill jikkondividi l-oġġettiv li jiġi promoss il-konsum ta' bijokarburanti avvanzati b'riskju baxx li jikkawżaw tibdil indirett fl-użu tal-art (ILUC). Madankollu, fil-Kunsill hemm dubji serji dwar il-benefiċċji li ċerta materja prima tingħadd erba' darbiet kif propost mill-Kummissjoni, abbażi ta' tħassib dwar distorsjonijiet possibbli tas-suq u l-frodi, u tali skema ma kinitx ikkunsidrata bħala l-aktar għodda effettiva biex jingħata inċentiv għal bijokarburanti avvanzati. Il-pożizzjoni tal-Kunsill għalhekk fiha għadd ta' elementi li jippromwovu bijokarburanti avvanzati, filwaqt li l-Istati Membri jkollhom ċerta flessibbiltà skont il-potenzjali u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom: l-Istati Membri huma meħtieġa jiffissaw miri nazzjonali għal bijokarburanti avvanzati bbażati fuq valur ta' referenza ta' 0.5 punti perċentwali tal-mira ta' 10 % għall-enerġija rinnovabli fit-trasport tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabli. Huma jistgħu jiffissaw mira aktar baxxa, ibbażata fuq tliet kategoriji ta' raġunijiet. Madankollu, ikollhom jiġġustifikaw kwalunkwe ffixsar ta' mira aktar baxxa minn 0.5 punti perċentwali u jirrapportaw kwalunkwe raġuni għaliex ma jkunux kisbu l-mira nazzjonali tagħhom rigward il-bijokarburanti avvanzati. Il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport ta' sintesi dwar il-kisbiet tal-Istati Membri fl-ilħuq tal-miri nazzjonali tagħhom tal-bijokarburanti avvanzati.

Għalhekk, filwaqt li s-sottomiri mhux legalment vinkolanti fil-livell nazzjonali għal bijokarburanti avvanzati jiġu kkunsidrati bħal inċentiv effettiv u sinjali ċar ta' investment, il-Kunsill ma jistax jappoġġa n-natura u t-trajjettorja għall-mira ta' bijokarburanti avvanzati li tinsab fil-pożizzjoni tal-Parlament, minħabba tħassib dwar id-disponibbiltà u l-ispiża għal tali bijokarburanti. Il-Kunsill, u l-Parlament fl-emenda 111 tiegħu, jidheru li jaqblu

dwar il-ħtieġa ta' revizzjoni li tinkludi valutazzjoni tad-disponibbiltà ta' dawn il-bijokarburanti, biex jitqiesu l-kunsiderazzjonijiet ambjentali, ekonomiċi u soċjali f'dak il-kuntest, kif ukoll il-possibbiltà li jiġu stabbiliti kriterji addizzjonali li jiżguraw is-sostenibbiltà tagħhom.

Bħala inċentivi addizzjonali għal bijokarburanti avanzati, il-pożizzjoni tal-Kunsill testendi l-għodda ta' trasferimenti statistiċi tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli biex tkopri tali bijokarburanti avanzati, u l-għadd doppju tal-kontribut ta' dawn il-bijokarburanti hu estiż għall-miri ġenerali ta' dik id-Direttiva.

Il-pożizzjoni tal-Kunsill fiha Anness IX emendat ġdid, li ġie estiż biex jinkludi, fil-Parti A tiegħu, aktar materjal bħal skart u residwi mill-forestrija u l-bijoskart minn djar privati, li kollha għandhom jgħoddu darbtejn il-kontenut tal-enerġija tagħhom fl-ilħuq tal-miri. Il-Parti B ikun fiha biss żejt tal-ikel użat u xaħmijiet tal-annimali, li l-kontribut tagħhom ma jgħoddx għall-mira nazzjonali dedikata għall-bijokarburanti avanzati.

Bħala dispożizzjoni ta' "anterjorità", il-materja prima għal bijokarburanti li mhix elenkata fl-Anness IX u li kienet ġiet stabbilita bħala skart, residwu, 'materjal ċellulożiku mhux tal-ikel jew materjal linjoċellulożiku, u użata f'installazzjonijiet eżistenti qabel l-adozzjoni tad-Direttiva, tista' tingħadd mal-miri nazzjonali għall-bijokarburanti avanzati. Fil-fehma tal-Kunsill, il-kategorizzazzjoni simplifikata u ċara fl-Anness IX, hi ppreferuta aktar mill-istruttura komplissa tal-Anness IX kif inkluzja fil-pożizzjoni tal-Parlament.

Il-Kunsill jikkondividi fil-biċċa l-kbira x-xewqa tal-Parlament li jissaħħu d-dispożizzjonijiet sabiex jiġu minimizzati r-riskji possibbli ta' frodi, bħal meta konsenja waħda tiġi ddikjarata aktar minn darba fl-UE, jew bħal meta materjal ikun intenzjonalment modifikat sabiex jaqa' taħt l-Anness IX, u aċċetta l-elementi rispettivi fl-emendi 101 u 185 sabiex l-Istati Membri jinkoraġġixxu l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi li jintraċċaw u jsewgu l-materja prima, u l-bijokarburanti li jirriżultaw minnha, tul il-katina tal-valur kollha u jiżgura li tittieħed azzjoni meta tinkixef xi frodi. Barra minn hekk, il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkludi obbligu ta' rappurtar għall-Istati Membri li permezz tiegħu l-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-effettività tal-miżuri meħuda għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi, u jekk il-miżuri addizzjonali, inkluż fil-livell tal-Unjoni, jitqisux bħala neċessarji.

Għal dak li hu rappurtar mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni dwar id-disponibbiltà u s-sostenibbiltà ta' bijokarburanti magħmula minn materja prima elenkata fl-Anness IX, il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkludi wkoll obbligu għall-Istati Membri u l-Kummissjoni li jieħdu kont dovut tal-prinċipji tal-ġerarkija tal-iskart stabbiliti fid-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, tal-prinċipju kaskata tal-bijomassa, iż-żamma tal-ħażna neċessarja ta' karbonju fil-ħamrija u l-kwalità tal-ħamrija u l-ekosistemi, iżda ma tqisx bħala adatta u implimentabbli l-emenda 59 tal-Parlament, li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tadotta atti delegati għal verifika tal-konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Il-Kunsill jinnota li l-emendi 12 u 109 tal-Parlament, bl-istess mod jistiednu lill-Kummissjoni tippreżenta rapport, inkluż dwar id-disponibbiltà ta' bijokarburanti avanzati u dwar l-impatti ekonomiċi u ambjentali tal-bijokarburanti prodotti minn skart, residwi, koprodotti jew materja prima li ma tużax l-art.

iv) *Inċentivi għal elettriku minn sorsi rinnovabbli u miżuri għal effiċjenza fl-enerġija*

Il-proposta tal-Kummissjoni indirizzat modi kif jiġu mmitigati r-riskji tal-ILUC f'relazzjoni diretta mal-produzzjoni u l-konsum ta' bijokarburanti. Madankollu, il-Kunsill huwa tal-fehma li d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport bħala oġettiv globali tista' tiġi promossa wkoll permezz ta' użu akbar ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli. It-test tal-Kunsill għalhekk jgħolli l-fatturi ta' multiplikazzjoni għall-kalkolu tal-kontribut minn elettriku minn sorsi rinnovabbli kkunsmat minn trasport ferrovarju elettriċizzat u vetturi elettriċi tat-triq sabiex jiżied l-użu u l-penetrazzjoni tagħhom fis-suq.

Fil-pożizzjoni tal-Parlament m'hemmx dispożizzjonijiet komparabbli. Il-Parlament, madankollu, ma jdurx lejn il-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet għal miżuri addizzjonali li jinkoraġġixxu l-effiċjenza fl-enerġija u l-iffrankar tal-enerġija fit-trasport, li jstgħu jitqiesu għall-kalkolu tal-ammont ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli kkunsmat fit-trasport fir-rigward tal-mira ta' 10 % għas-settur tat-trasport skont id-Direttiva dwar l-Enerġija

Rinnovabbli (emendi 153 u 154). Filwaqt li l-Kunsill iqis l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija b'mod ġenerali bħala kontribut importanti għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, hu ma jikkunsidrax li l-miżuri u l-effett tagħhom f'dan ir-rigward għandhom ikunu parti minn Direttiva li temenda d-direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

v) *Konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà: Skemi volontarji u rikonoxximent reċiproku*

Rigward ir-rappurtar u r-reviżjoni tal-funzjonament tal-iskemi volontarji stabbiliti skont id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburant u l-Enerġija Rinnovabbli, il-Kunsill u l-Parlament it-tnejn inkludew dispożizzjonijiet ta' rappurtar dettaljati u simili ħafna sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta eż. l-indipendenza, it-trasparenza, l-involvement tal-partijiet interessati, u s-saħħa iġenerali tal-iskemi (l-emendi 54, 58 u 103), u t-test tal-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta biex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburant u l-Enerġija Rinnovabbli għal dawk li huma skemi volontarji jekk ikun xieraq, bil-ħsieb li tiġi promossa l-aħjar prattika.

Fir-rigward tar-ikonoxximent reċiproku tal-iskemi volontarji u l-iskemi nazzjonali għall-konformità mal-kriterji ta' sostenibbiltà għal bijokarburanti/bijolikwidi, il-Kunsill hu tal-fehma li l-kondizzjonijiet li taħtom japplika l-prinċipju tar-ikonoxximent reċiproku bħal bejn l-iskemi kollha għandhom jiġu ċċarati sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern. Għal dan l-għan, il-pożizzjoni tal-Kunsill tinkludi dispożizzjonijiet dwar id-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburant u l-Enerġija Rinnovabbli, li permezz tagħhom Stat Membru jista' jinnotifika l-iskema nazzjonali tiegħu lill-Kummissjoni, li mbagħad tivvaluta l-prijorità tagħha. Deċiżjoni dwar il-konformità ta' skema nazzjonali hekk ppreżentata tiġi adottata permezz tal-proċedura ta' eżami, u r-ikonoxximent reċiproku ta' skema li tkun ġiet iavalutata b'mod pożittiv minn skemi oħrajn, inklużi skemi volontarji, stabbiliti skont l-Artikoli rilevanti ma jistax jiġi rrifjutat. Il-pożizzjoni tal-Parlament tinkludi rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-iskemi ta' verifika (emenda 102), li l-Kunsill ma jqsx li jkun adatt.

vi) *Atti delegati*

Il-Kummissjoni pproponiet numru kbir ta' adattamenti għaż-żewġ Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburant u l-Enerġija Rinnovabbli, b'mod partikolari dwar l-għoti ta' setgħat lil Kummissjoni biex tadotta atti bbażati fuq l-Artikoli 290 u 291 tat-TFUE.

Il-Kunsill irveda dawn id-dispożizzjonijiet filwaqt li ħa kont debitu tal-bidliet introdotti mit-TFUE minn meta ġew adottati ż-żewġ Direttivi, u b'mod partikolari l-Artikolu 290 dwar is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti mhux leġiżlattivi ta' applikazzjoni ġenerali sabiex jissupplimenta jew jemenda ċerti elementi mhux essenzjali tal-att leġiżlattiv. Għalhekk, il-Kunsill iddeċieda li jillimita d-delega tas-setgħat lill-Kummissjoni, għal perijodu ta' ħames snin, maż-żieda tal-valuri tipiċi u prestabbiliti stmati għall-mogħdijiet tal-bijokarburant u l-metodi analitiċi permessi relatati mal-ispeċifikazzjonijiet tal-karburant u d-deroga għall-prensa tal-fwar permessa għall-petrol li fih il-bijometanol, fl-emendi għad-Direttiva dwar il-Kwalità tal-Karburant, u fir-rigward ta' żidiet possibbli mal-lista ta' materja prima u karburanti fl-Anness IX u tal-valuri tipiċi u prestabbiliti stmati għal mogħdijiet tal-bijokarburanti u l-bijolikwidi fid-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli. Il-Kunsill għalhekk ma jistax jaċċetta l-emendi fil-pożizzjoni tal-Parlament li jirvedu jew iżidu mad-dispożizzjonijiet dwar id-delega ta' setgħat lill-Kummissjoni li ma jinżammux mill-Kunsill.

Rigward dispożizzjonijiet oħra dwar id-delega ta' setgħat proposti mill-Kummissjoni, il-Kunsill ikkonkluda, wara analiżi bir-reqqa każ b'każ, li jew atti ta' implimentazzjoni jew il-proċedura leġiżlattiva ordinarja huma aktar opportuni.

vii) *Premessi*

Il-premessa ġew emendati mill-Kunsill biex jikkorrelataw mal-partijiet operattivi modifikati tad-Direttiva, u l-fehma tal-Kunsill dwar il-premessa emendati tal-Parlament tikkorrispondi għalhekk mal-fehma tal-Kunsill dwar l-emendi tal-Parlament għad-dispożizzjonijiet operattivi. Barra minn hekk, ara l-premessa fil-punt 4 ta' hawn taħt.

3. Kwistjonijiet ta' politika oħrajn

Fil-kuntest ta' emissjonijiet ILUC u bijokarburanti avvanzati, il-Kunsill ikkunsidra li kien meħtieġ għal aktar ċarezza u koerenza li jżid għadd ta' definizzjonijiet ġodda fid-Direttivi dwar il-Kwalità tal-Karburant u l-Enerġija Rinnovabbli. Filwaqt li l-pożizzjoni tal-Parlament fiha numru ikbar ta' definizzjonijiet ġodda (l-emendi 34 sa 37, u 69 sa 76) li mhumix meħtieġa skont il-Kunsill, jista' jiġi nnotat li xi wħud mid-definizzjonijiet ġodda proposti jikkoinċidu, tal-inqas parzjalment, ma' xi definizzjonijiet introdotti mill-Kunsill (b'mod partikolari dwar "materjal ċellulożiku mhux tal-ikel" u "materjal linjoċellulożiku").

Fir-rigward tal-kalkolu tal-impatti tal-gassijiet b'effett ta' serra minn bijokarburanti/bijolikwidi, il-Kunsill iddeċieda li, għall-kuntrarju tal-proposta mill-Kummissjoni, il-bonus għall-bijomassa tal-bijokarburant/bijolikwidu miksuba minn art degradata restawrata għandu jinżamm.

4. Emendi oħra adottati mill-Parlament Ewropew

Emendi oħrajn li mhumiex meqjusa meħtieġa jew xierqa sabiex jinkisbu l-għanijiet tad-Direttiva, u għalhekk mhumiex inklużi fil-Pożizzjoni tal-Kunsill jikkonċernaw:

- l-obbligu għall-fornituri ta' karburant li jiżguraw li t-tqegħid fis-suq ta' petrol b'kontenut massimu speċifiku ta' ossiġnu u etanol (emenda 38), obbligu fuq l-Istati Membri biex jiżguraw sehem speċifiku ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli f'petrol (parti mill-emenda 152/rev), u dwar il-perċentwal ta' FAME imħallat mad-diżil (emenda 39);
- fornituri ta' bijokarburanti għall-użu fl-avjazzjoni (emenda 40);
- id-drittijiet legali ta' partijiet terzi u kunsens ħieles, minn qabel u infurmat rigward l-użu u l-pussess ta' art użata għall-produzzjoni ta' bijokarburanti (emendi 49 u 96);
- rapport tal-Kummissjoni dwar l-impatt ta' domanda akbar għall-bijokarburant fuq is-sostenibbiltà soċjali, l-impatt tal-produzzjoni ta' bijokarburant fuq id-disponibbiltà ta' proteini veġetali, u oġġetti tal-ikel bi prezzijiet li jistgħu jintlaħqu (l-emenda 50);
- il-konklużjoni u l-kontenut ta' ftehimiet bilaterali jew multilaterali ma' pajjiżi terzi dwar is-sostenibbiltà tal-bijokarburanti (emendi 55 u 100);
- garanziji tal-orijġini fir-rigward tal-konformità tal-mira, u l-użu ta' trasferimenti statistiċi, proġetti konġunti jew skemi konġunti ta' appoġġ (emenda 88);
- prattiki sostenibbli għall-ġestjoni tal-art (emenda 97);
- il-publikazzjoni tal-Eurostat dwar informazzjoni relatata mal-kummerċ dwar il-bijokarburanti, id-data dwar importazzjonijiet u esportazzjonijiet, u informazzjoni dwar l-impjiegi relatata mal-industrija tal-bijokarburant (emendi 98 u 99);
- premissi oħrajn (emendi 4, 8, 13, 129, 16, 17, 22, 24, 25, 27, 30).

IV. KONKLUŻJONI

Fl-istabbiliment tal-Pożizzjoni tiegħu, il-Kunsill ħa kont sħiħ tal-proposta tal-Kummissjoni u tal-opinjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari. Fir-rigward tal-emendi proposti mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill josserva li għadd ta' emendi ġew diġà inklużi - fl-ispirtu, parzjalment jew kompletament - fil-Pożizzjoni tiegħu.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT